Nru./No. 20,285
Prezz/Price
€5.40

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 25 ta' Ottubru, 2019
Friday, 25th October, 2019

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 23,541 - 23,548
Government Notices ..... *23,541 - 23,548*

Avviżi tal-Pulizija ..... 23,548 - 23,550
Police Notices ..... *23,548 - 23,550*

Avviżi lill-Baħħara 23,550
Notices to Mariners *23,550*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 23,551 - 23,620
Employment Opportunities ..... *23,551 - 23,620*

Avviżi tal-Gvern ..... 23,621 - 23,629
Notices ..... *23,621 - 23,629*

Offerti ..... 23,629 - 23,639
Tenders ..... *23,629 - 23,639*

Avviżi tal-Qorti ..... 23,639 - 23,656
Court Notices ..... *23,639 - 23,656*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1324

IL-PRESIDENT TA' MALTA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta reġa' daħal għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' President nhar il-Ħamis, 24 ta' Ottubru, 2019.

Is-Sa Dolores Cristina ma baqgħetx taqdi l-funzjonijiet ta' President.

Il-25 ta' Ottubru, 2019

Nru. 1325

FORZI ARMATI TA' MALTA (FORZA REGOLARI)

IL-PRESIDENT ta' Malta għoġbu japprova l-għotja tal-Kummissjoni fir-rank ta' Logutenent fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari) lil dawn imsemmija hawn taħt b'seħħ mid-data li tidher ħdejn isimhom.

86629 WO1 Roe Darren	1 ta' Ottubru, 2019
86973 WO1 Cardona Philip	1 ta' Ottubru, 2019
86229 WO2 Muscat Norbert	1 ta' Ottubru, 2019

Il-25 ta' Ottubru, 2019

Nru. 1326

PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru. XXVII tal-2019 imsejjaħ l-Att tal-2019 li jemenda l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

Il-25 ta' Ottubru, 2019

Nru. 1327

ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 552)

Kummissjoni tal-Ippjanar

SKONT l-Artikolu 65 (1) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Ministru jippreskrivi s-segwenti u dan wara li kkonsulta maċ-Chairperson Eżekuttiv:

GOVERNMENT NOTICES

No. 1324

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta has resumed the functions of the Office of the President on Thursday, 24th October, 2019.

Mrs Dolores Cristina has ceased to perform the functions of President.

25th October, 2019

No. 1325

ARMED FORCES OF MALTA (REGULAR FORCE)

THE President of Malta is pleased to approve the grant of a Commission in the rank of Lieutenant in the Armed Forces of Malta (Regular Force) of the undermentioned with effect from the date shown against their names.

86629 WO1 Roe Darren	1st October, 2019
86973 WO1 Cardona Philip	1st October, 2019
86229 WO2 Muscat Norbert	1st October, 2019

25th October, 2019

No. 1326

PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XXVII of 2019 entitled the Occupational Health and Safety Authority (Amendment) Act, 2019.

25th October, 2019

No. 1327

DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 552)

Planning Commission

IN terms of Article 65 (1) of the Development Planning Act, the Minister, after consulting with the Executive Chairperson, prescribes the following:

Illi b'seħħ mid-data tal-25 ta' Ottubru, 2019, il-Kummissjoni tal-Ippjanar li preżentament għandha s-setgħa tiddetermina dawk l-applikazzjonijiet ta' żvilupp li jittrattaw żoni barra miż-Żona tal-Iżvilupp u Żoni ta' Konservazzjoni Urbana, tiddetermina wkoll dawk l-applikazzjonijiet ta' żvilupp li jinqabdu in parte f'waħda minn dawn iż-żoni appena msemmija.

Il-25 ta' Ottubru, 2019

Nru. 1328

ATT DWAR L-GĦAQDIET KOPERATIVI (KAP. 442)

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat tal-Artikoli 3 u 4 tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperattivi, u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar approva l-ħatra tal-Bord tal-Koperattivi sat-30 ta' Settembru, 2021, kif ġej:

Chairman
Is-Sur Paul Debono

Membri
Is-Sur Angelo Azzopardi
Is-Sur Carmelo Bugeja
Dott. Alexia Farrugia Zrinzo
Is-Sa Krystle Penza

Segretarja
Dr Lydia Abela

Il-25 ta' Ottubru, 2019

Nru. 1329

BORD TAD-DIRETTURI TAL-GOZO HELIPORT LIMITED

IL-MINISTRU għal Għawdex ħatret il-Bord tad-Diretturi tal-Gozo Heliport Limited kif ġej:

Chairperson
Dott. Lisa Brooke

Diretturi
Is-Sur Domenic Vella
Ing. Charles Borg

Dawn il-ħatriet jibqgħu fis-seħħ sal-21 ta' Ottubru, 2020.

Il-25 ta' Ottubru, 2019

With effect from 25th October, 2019, the Planning Commission which is currently empowered to determine development applications with regard to sites which are found outside the development zone and urban conservation areas, shall also determine those development applications with respect to sites that partly fall in any one of the aforesaid zone designations.

25th October, 2019

No. 1328

CO-OPERATIVE SOCIETIES ACT (CAP. 442)

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by Articles 3 and 4 of the Co-operative Societies Act and for the purposes of the Act, the Minister for the Economy, Investment and Small Businesses approved the appointment of the Co-Operatives Board up to 30th September, 2021, as follows:

Chairman
Mr Paul Debono

Members
Mr Angelo Azzopardi
Mr Carmelo Bugeja
Dr Alexia Farrugia Zrinzo
Ms Krystle Penza

Secretary
Dr Lydia Abela

25th October, 2019

No. 1329

BOARD OF DIRECTORS OF GOZO HELIPORT LIMITED

THE Minister for Gozo has appointed the Board of Directors of Gozo Heliport Limited as follows:

Chairperson
Dr Lisa Brooke

Directors
Mr Domenic Vella
Ing. Charles Borg

These appointments remain valid up to the 21st October, 2020.

25th October, 2019

Nru. 1330

KUMITAT GĦAT-TISMIJA TAT-TOROQ F'GĦAWDEX

IL-MINISTRU għal Għawdex ħatret il-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq f'Għawdex kif ġej:

Chairperson
Rev. Dott. Joseph Bezzina

Viċi-Chairperson
Is-Sur Joseph Grech

Membri
Is-Sur Charles Bezzina
Is-Sur Joseph Camilleri
Is-Sa Maria Natoli
Dott. Marlene Cini

Rappreżentanta tal-Kummissjoni Elettorali
Is-Sa Marlene Meilak

Dawn il-ħatriet jibqgħu fis-seħħ sal-21 ta' Ottubru, 2020.

Il-25 ta' Ottubru, 2019

No. 1330

GOZO STREET NAMING COMMITTEE

THE Minister for Gozo has appointed the Gozo Street Naming Committe as follows:

Chairperson
Rev. Dr Joseph Bezzina

Vice-Chairperson
Mr Joseph Grech

Members
Mr Charles Bezzina
Mr Joseph Camilleri
Ms Maria Natoli
Dr Marlene Cini

Electoral Commission Representative
Ms Marlene Meilak

These appointments remain valid up to the 21st October, 2020.

25th October, 2019

Nru. 1331

AWTORITÀ TAD-DJAR

NGĦARRFU b'din illi, skont l-artikli 5 u 6 tal-Att dwar l-Awtorità tad-Djar (Kap. 261), il-Ministru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali approva l-ħatra tal-Bord ta' Diretturi tal-Awtorità tad-Djar kif ġej:

Chair
Is-Sur Robert Ducker

Viċi Chair
Is-Sur George Coleiro

Membri
Is-Sur Anthony Attard
Is-Sur Kenneth Busuttil
Is-Sur Christian Debono
Is-Sa Lindsey Gambin
Dr Ivan Grixti
Is-Sa Margaret Quintano
Is-Sa Josephine Spiteri
Dr Philip Spiteri
Is-Sur Andrew Triganza Scott
Is-Sa Jennifer Xuereb

No. 1331

HOUSING AUTHORITY

IT is hereby notified that, in terms of Sections 5 and 6 of the Housing Authority Act (Cap. 261), the Minister for the Family, Children's Rights and Social Solidarity has approved the appointment of the Board of Directors of the Housing Authority, as follows:

Chair
Mr Robert Ducker

Vice Chair
Mr George Coleiro

Members
Mr Anthony Attard
Mr Kenneth Busuttil
Mr Christian Debono
Ms Lindsey Gambin
Dr Ivan Grixti
Ms Margaret Quintano
Ms Josephine Spiteri
Dr Philip Spiteri
Mr Andrew Triganza Scott
Ms Jennifer Xuereb

Segretarja
Dr Alicia Camilleri

Dawn il-ħatriet huma għal perjodu ta' sena b'seħħ mill-15 ta' Ottubru, 2019.

Il-25 ta' Ottubru, 2019

Secretary
Dr Alicia Camilleri

These appointments are for a period of one year with effect from 15th October, 2019.

25th October, 2019

Nru. 1332

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

No. 1332

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
25.10.2019	€43.546	€0.540

Il-25 ta' Ottubru, 2019

25th October, 2019

Nru. 1333

ATT TAL-2016 DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (ARTIKOLU 57)

Skedar ta' Proprjetà

L-AWTORITÀ ta' Malta dwar l-Ippjanar b'din tiddikjara li l-proprjetajiet imsemmija hawn taħt qegħdin jiġu inklużi fil-Lista ta' Proprjetà Skedata (kif jidher fuq il-mappa f'paġna 23,545), skont l-Artikolu 57 tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, u permezz tal-paragrafi 1.13, 2.27, u policies TO8, UO2 u RO4 tal-Pjan Strateġiku għall-Ambjent u l-Ippjanar (SPED) kif ġej:

No. 1333

DEVELOPMENT PLANNING ACT, 2016 (ARTICLE 57)

Scheduling of Property

THE Planning Authority is hereby declaring the properties mentioned hereunder as included in the List of Scheduled Property (as shown on the map on page 23,545) in terms of Article 57 of the Development Planning Act, 2016, and paragraphs 1.13, 2.27, and policies TO8, UO2 and RO4 of the Strategic Plan for the Environment and Development (SPED) as follows:

Mappa 1	Villa Ġorġ Ġuża	Triq Sant'Ubaldeska k/m Triq Ninu Cremona	Paola	Grad 2

L-Awtorità dwar l-Ippjanar teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'Artikolu 57 tal-Att, fil-każ ta' xi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att tal-2016 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp f'dak li jirrigwarda proprjetà skedata.

The Planning Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in Article 57 of the Act, in the case of any contravention to the provisions of the Development Planning Act 2016 as regards to scheduled property.

Il-25 ta' Ottubru, 2019

25th October, 2019

PLANNING AUTHORITY
St. Francis Ravelin
Floriana FRN 1230
www.pa.org.mt
Tel.: (+356) 2290 0000
Title:
Scheduling of Property
Villa Ġorġ Ġuża
Triq Sant' Ubaldeska k/m
Triq Ninu Cremona
Legend:
Villa Ġorġ Ġuża
Triq Sant' Ubaldeska k/m
Triq Ninu Cremona,
Paola
GRADE 2
Ref. No.: GF 0240/19
Map No.: 1
TRIQ IL-BELT VALLETTA
PJAZZA ANTOINE DE PAULE
KNISJA
TRIQ SANT' UBALDESKA
TRIQ IT-TRAMUNTANA
KNISJA
TRIQ IL-FOSS
0 0.025 0.05 0.1 Km

Nru. 1334

REGOLATUR GĦAS-SERVIZZI TAL-ENERĠIJA U L-ILMA

Għotja fuq ix-Xiri ta' Sistemi għal Użu Domestiku li Jnaqqsu l-Konsum tal-Enerġija

BIEX ikompli jinkoraġġixxi l-użu ta' sistemi li jnaqqsu l-konsum ta' enerġija fis-settur domestiku, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma qiegħed jamministra din l-iskema ffinanzjata minn fondi nazzjonali, għal-lista ta'djar imsemmija hawn isfel, li hi mmirata biex tinkoraġġixxi l-użu ta' Double Glazing għal użu domestiku.

1. Lista ta' djar eligibbli

Indirizz *Address*	Triq *Street*	Lokalità *Locality*
All households	Triq iċ-Ċief	Birżebbuġa
All households	Triq il-Borok	Birżebbuġa
All households	Triq il-Gawwi	Birżebbuġa
All households	Triq il-Gandoffla	Birżebbuġa
All households	Triq il-Qroll	Birżebbuġa
All households	Triq l-Imħar	Birżebbuġa
All households	Triq Kangu	Birżebbuġa
All households	Triq ir-Rizza	Birżebbuġa
All households	Triq il-Girgħien	Birżebbuġa
All households	Triq Garibaldi	Birżebbuġa
All households	Triq Baden Powell	Birżebbuġa
All households	Triq Nightingale	Birżebbuġa
All households	Triq G. Marconi	Birżebbuġa
All households	Triq l-Imnarja	Birżebbuġa
All households	Triq it-Trunċieri	Birżebbuġa
All households	Triq K. Frendo	Birżebbuġa
All households	Triq Wied il-Buni	Birżebbuġa
74, Damarete	Triq tal-Papa	Birżebbuġa
94	Triq tal-Papa k/m Triq Dun Karm Frendo	Birżebbuġa
95, Windermere	Triq tal-Papa	Birżebbuġa
Plot 123, Amour	Triq tal-Papa	Birżebbuġa
Farstone Apts	Triq tal-Papa	Birżebbuġa
Port Side Court Apts	Triq tal-Papa	Birżebbuġa
Portland	Triq tal-Papa	Birżebbuġa
155, Walnut Grove	Triq tal-Papa	Birżebbuġa
154, Chatelaine	Triq tal-Papa	Birżebbuġa
153, Pegasus	Triq tal-Papa k/m Triq Gandoffla	Birżebbuġa
All households	Triq San Patrizju	Birżebbuġa
All households	Triq il-Kummerċ	Birżebbuġa
All households	Triq Giuseppi Despot	Birżebbuġa

No. 1334

REGULATOR FOR ENERGY AND WATER SERVICES

A Grant for the Purchase of Systems for Domestic Use that Reduce the Consumption of Energy

IN order to further promote the use of systems that reduce the consumption of energy in the domestic sector, the Regulator for Energy and Water Services is administering the following national funded scheme, for the below list of households in Birżebbuġa, which aims to encourage the use of Double Glazing systems for domestic use.

1. List of eligible housholds

All households	Triq il-Progress	Birżebbuġa
All households	Misraħ Hamilkar Barka	Birżebbuġa
All households	Triq San Franġisku Saverju	Birżebbuġa
All households	Triq San Filippu	Birżebbuġa
All households	Triq Alessandru	Birżebbuġa
All households	Triq is-Sebħ	Birżebbuġa
All households	Triq San Ġwann	Birżebbuġa
All households	Triq il-Gurgier	Birżebbuġa
All households	Triq il-Port Ħieles	Birżebbuġa
All households	Triq il-Ħaruf	Birżebbuġa
All households	Triq Arzella	Birżebbuġa
All households	Triq il-Kartaġiniżi	Birżebbuġa
All households	Triq San Edwardu	Birżebbuġa
All households	Misraħ is-Summit	Birżebbuġa
All households	Wesgħa Carmelo Caruana	Birżebbuġa

2. Għotja li titħallas taħt din l-iskema

L-applikanti jistgħu japplikaw għal għotja permezz tal-formola li tista' timtela minn fuq is-sit elettroniku tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u tal-Ilma (www.rews.org.mt) jew permezz tal-formola li tista' titniżżel mill-istess sit elettroniku. L-iskema hija amministrata u suġġetta għal-linji gwida li jitniżżlu wkoll minn dak is-sit.

L-applikanti li jkunu rċevew għotja simili mir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma mhumiex eliġibbli għal għotja oħra mogħtija taħt din l-Iskema.

3. Durata tal-iskema

Applikazzjonijiet għal din l-iskema jistgħu jkunu riċevuti b'mod validu mit-28 ta' Ottubru, 2019, sal-31 ta Diċembru, 2020. Din l-iskema tista' tiġi mibdula jew mitmuma qabel dik id-data permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern. Din l-iskema tista' tiġi mġedda kif ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma jista' jidhirlu xieraq ukoll permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

4. Emendi għall-iskema

Ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma għandu jkollu f'kull waqt id-dritt li jagħmel kull emenda għal din l-iskema permezz ta' avviż pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern li jkun jinkludi dawk l-emendi.

SKEDA

Perċentwali ta' għajnuna u massimu fuq Double Glazing: 90% tat-total tal-infiq eliġibbli, inkluża l-VAT sa massimu ta' 2,000 ewro.

Il-25 ta' Ottubru, 2019

2. Grant payable under this scheme

Applicants may apply for a grant under this scheme by means of an online form from the Regulator for Energy and Water Services website (www.rews.org.mt) or by means of the form downloadable from the same website. The scheme is administered and governed in terms of the guidelines also downloadable from the website.

Applicants who have received a similar grant shall not be eligible for another grant issued in terms of this Scheme.

3. Duration of the scheme

3. Applications for this call may be validly received as from the 28th October, 2019, up to the 31st December, 2020. The scheme may be modified or terminated before that date by means of a notice in the Government Gazette. This scheme may be renewed as may be deemed necessary by the Regulator for Energy and Water Services also by means of a notice in the Government Gazette.

4. Amendments to the scheme

The Regulator for Energy and Water Services shall at all times have the right to make any amendments to this scheme by means of a notice published in the Government Gazette containing such amendments.

SCHEDULE

Grant Percentage and maximum in relation to the double glazing: 90% of the total eligible, including VAT, and capped at 2,000 euro.

25th October, 2019

Nru. 1335

WARRANT MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA, KULTURA U GVERN LOKALI

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissarji b'setgħa li jagħtu l-Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali ħatar bħala Kummissarji bis-setgħa li jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u/jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

Settur għas-Servizzi Finanzjarji, Kumpaniji u Materji Legali
Dott. Aaron Zammit Apap

Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà
Is-Sa Ann-Marie Brincat
Is-Sur Clifford Portelli

B'Awtorità
Owen Bonnici
Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali

Il-25 ta' Ottubru, 2019
(MJCL/124/2016/II
MJCL/124/16/V)

No. 1335

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE, CULTURE AND LOCAL GOVERNMENT

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice, Culture and Local Government appointed as Commissioners for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

Financial and Corporate Services, and Legal Matters

Dr Aaron Zammit Apap

Commission for the Rights of Persons with Disability
Ms Ann-Marie Brincat
Mr Clifford Portelli

By Authority
Owen Bonnici
Minister for Justice, Culture and Local Government

25th October, 2019

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 177

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Gudja

Nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Ottubru, 2019, mis-7.00 p.m. 'il quddiem, minn Triq il-Kbira, Triq San Ċiro, Triq Bettina, Triq Santa Katarina, Triq Joseph Pace, Triq Raymond Caruana, Triq William Baker, Triq Pietro Caliardi, Triq Bir Miftuħ, Triq Żebbuġa, Triq San Pawl, Triq il-Fidwa u Triq is-Salib.

Nhar is-Sibt, 26 ta' Ottubru, 2019, mis-7.00 p.m. 'il quddiem, minn Triq il-Kbira, Triq Ġilormu Cassar, Triq San Mark, Triq il-Fidwa, Triq William Baker u Triq Ġnien Raymond Caruana.

Sal-Ħadd, 27 ta' Ottubru, 2019, mis-7.00 a.m. 'il quddiem, minn Triq William Baker.

Nhar il-Ħadd, 27 ta' Ottubru, 2019, mid-9.00 a.m. 'il quddiem, minn Triq il-Kbira, Triq Santa Marija, Triq il-Lunzjata, Triq Raymond Caruana, Triq San Ċiro, Triq Bettina, Triq il-Ħofra, Triq Filippu Castagna, Triq Joseph Pace, Triq William Baker, Triq Pietro Caliardi, Triq Ġilormu Cassar u Triq is-Salib.

POLICE NOTICE

No. 177

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Gudja

On Friday, 25th October, 2019, from 7.00 p.m. onwards, through Triq il-Kbira, Triq San Ċiro, Triq Bettina, Triq Santa Katarina, Triq Joseph Pace, Triq Raymond Caruana, Triq William Baker, Triq Pietro Caliardi, Triq Bir Miftuħ, Triq Żebbuġa, Triq San Pawl, Triq il-Fidwa and Triq is-Salib.

On Saturday, 26th October, 2019, from 7.00 p.m. onwards, through Triq il-Kbira, Triq Ġilormu Cassar, Triq San Mark, Triq il-Fidwa, Triq William Baker and Triq Ġnien Raymond Caruana.

Till Sunday, 27th October, 2019, from 7.00 a.m. onwards, through Triq William Baker.

On Sunday, 27th October, 2019, from 9.00 a.m. onwards, through Triq il-Kbira, Triq Santa Marija, Triq il-Lunzjata, Triq Raymond Caruana, Triq San Ċiro, Triq Bettina, Triq il-Ħofra, Triq Filippu Castagna, Triq Joseph Pace, Triq William Baker, Triq Pietro Caliardi, Triq Ġilormu Cassar and Triq is-Salib.

Sat-Tnejn, 28 ta' Ottubru, 2019, mis-7.00 a.m. 'il quddiem, minn Triq William Baker.

Sat-Tnejn, 28 ta' Ottubru, 2019, minn Triq Bir Miftuħ.

Il-Qala

Nhar is-Sibt, 2 ta' Novembru, 2019, mill-4.30 p.m. sas-6.30 p.m., minn Pjazza San Ġużepp, Triq il-Kunċizzjoni u Pjazza San Karrew.

Ħal Kirkop

Nhar l-Erbgħa, 6 ta' Novembru, 2019, mis-7.00 p.m. sa nofsillejl, minn Misraħ Ħal Kirkop, Triq il-Parroċċa, Triq il-Kbira, Triq Santu Rokku, Misraħ San Anard, Triq San Anard, Triq San Benedittu u Misraħ Ħal Kirkop.

Birkirkara

Nhar il-Ħamis, 14 ta' Novembru, 2019, mis-7.00 a.m. sa nofsinhar, minn Pjazza Sant'Elena.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-25 ta' Ottubru, 2019

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 178

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 101/97 it-toroq li jidhru hawn taħt se jiġu kklassifikati bħala tow zones, hekk kif indikat.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li l-passaġġ u t-twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Ħaż-Żabbar

Nhar il-Ħadd, 27 ta' Ottubru, 2019, mis-7.00 a.m. il-ġurnata kollha, minn Pjazza tal-Madonna Medjatriċi (in-naħa tas-sala tal-Kappillan).

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-25 ta' Ottubru, 2019

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 179

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Till Monday, 28th October, 2019, from 7.00 a.m. onwards, through Triq William Baker.

Till Monday, 28th October, 2019, through Triq Bir Miftuħ.

Qala

On Saturday, 2nd November, 2019, from 4.30 p.m. till 6.30 p.m., through Pjazza San Ġużepp, Triq il-Kunċizzjoni and Pjazza San Karrew.

Ħal Kirkop

On Wednesday, 6th November, 2019, from 7.00 p.m. till midnight, through Misraħ Ħal Kirkop, Triq il-Parroċċa, Triq il-Kbira, Triq Santu Rokku, Misraħ San Anard, Triq San Anard, Triq San Benedittu and Misraħ Ħal Kirkop.

Birkirkara

On Thursday, 14th November, 2019, from 7.00 a.m. till noon, through Pjazza Sant'Elena.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

25th October, 2019

POLICE NOTICE

No. 178

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97 the streets listed hereunder are to be classified as tow zones on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ħaż-Żabbar

On Sunday, 27th October, 2019, from 7.00 a.m. all day, through Pjazza tal-Madonna Medjatriċi (Parish hall side).

Vehicles found in contravention to the order of this notice will be liable to be towed.

25th October, 2019

POLICE NOTICE

No. 179

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat (Malta)

Nhar is-Sibt, 9 ta' Novembru, 2019, mill-5.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq il-Knisja, Triq Patri Tumas Xerri O.P., Triq il-Qastan (il-parti l-ġdida), Triq it-Tin, Misraħ Patri Martin Caruana O.P, Triq is-Sajf ta' San Martin, Triq Dun Saverin Bianco u Triq il-Knisja – Rabat (il-Baħrija).

Nhar il-Ħadd, 10 ta' Novembru, 2019, mis-6.00 a.m. sas-6.00 p.m., minn Misraħ Patri Martin Caruana OP, Triq Patri Tumas Xerri OP, Triq il-Lewż u Triq il-Girna – Rabat (il-Baħrija).

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-25 ta' Ottubru, 2019

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 143 tal-2019

Ikkanċellat Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 11 tal-2019 – Rigward Xogħlijiet ta' Infrastruttura Malta fil-Marfa

Id-Direttorat għall-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li xogħlijiet minn Infrastruttura Malta fil-Marfa issa tlestew u għalhekk Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 11 tal-2019 Rigward - xogħlijiet ta' Infrastruttura Malta fil-Marfa ġie KKANĊELLAT.

Charts affettwati: BA 211, 2537, 2538

Il-25 ta' Ottubru, 2019

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 144 tal-2019

Ikkanċellat Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 41 tal-2019 – Rinnovar ta' Skal u Moll Biswit u fil-Bajja ta' San Ġiljan

Id-Direttorat għall-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u l-pubbliku ġenerali li xogħol ta' rinnovar fuq l-iskal u l-moll biswit u fil-Bajja ta' San Ġiljan issa hu lest u għalhekk Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 41 tal-2019 rigward rinnovar ta' skal u moll biswit u fil-Bajja ta' San Ġiljan ġie KKANĊELLAT.

Charts affettwati: BA 177, 2537, 2538

Il-25 ta' Ottubru, 2019

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Rabat (Malta)

On Saturday, 9th November, 2019, from 5.00 p.m. till midnight, through Triq il-Knisja, Triq Patri Tumas Xerri O.P., Triq il-Qastan (new part), Triq it-Tin, Misraħ Patri Martin Caruana O.P, Triq is-Sajf ta' San Martin, Triq Dun Saverin Bianco and Triq il-Knisja – Rabat (Baħrija).

On Sunday, 10th November, 2019, from 6.00 a.m. till 6.00 p.m., through Misraħ Patri Martin Caruana OP, Triq Patri Tumas Xerri OP, Triq il-Lewż and Triq il-Girna – Rabat (Baħrija).

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

25th October, 2019

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 143 of 2019

Cancellation of Local Notice to Mariners No. 11 of 2019 – Re – Infrastructure Malta Works at Marfa

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the works carried out by Infrastructure Malta at Marfa have now been completed and therefore Local Notice to Mariners No. 11 of 2019 Re – Infrastructure Malta works at Marfa is hereby CANCELLED.

Charts affected: BA 211, 2537, 2538

25th October, 2019

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 144 of 2019

Cancellation of Local Notice to Mariners No. 41 of 2019 – Re Refurbishment of Slipway and Adjacent Quay at Il-Bajja ta' San Ġiljan

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta notifies mariners and the general public that the refurbishment work on the slipway and adjacent quay at Il-Bajja ta' San Ġiljan have now been completed and therefore Local Notice to Mariners No. 41 of 2019 re refurbishment of slipway and adjacent quay at Il-Bajja ta' San Ġiljan is hereby CANCELLED.

Charts affected: BA 177, 2537, 2538

25th October, 2019

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

Pożizzjoni ta' Scholarships Officer (Scholarship Schemes) fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal mhuwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, il-MEDE jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Regolamenti tal-2016 dwar ir-Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obligatorja).

1.1 Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Scholarships Officer (Scholarship Schemes) fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

1.2 Din is-sejħa hija konnessa mal-implimentazzjoni tal-Proġett FSE – Skema ta' Boroż ta' Studju Endeavour u Reach High Scholars Programme. Il-proġetti huma parzjalment iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Soċjali Ewropew – Programm Operattiv II, Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment 2014-2020 'Ninvestu fir-riżorsi umani sabiex noħolqu aktar opportunitajiet filwaqt li nippromovu t-tisħiħ tas-soċjetà'.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' 3 snin bħala Scholarships Officer (Scholarship Schemes) fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Scholarships Officer (Scholarship Schemes) hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur.

2.3 Peress li din hi pożizzjoni marbuta ma' terminu fiss jew tkomplija ta' biċċa xogħol speċifika, il-pożizzjoni ta' Scholarships Officer (Scholarship Schemes) taqa' taħt Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' Scholarships Officer (Scholarship Schemes) huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 11 (li fis-sena 2019 huwa ta' €18,743 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' €375.17 sa massimu ta' €20,994).

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Scholarships Officer (Scholarship Schemes) jinkludu li:

MINISTRY FOR EDUCATION AND EMPLOYMENT

Position of Scholarships Officer (Scholarship Schemes) in the Ministry for Education and Employment

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Ministry for Education and Employment (MEDE) would like to remind all interested applicants that it has zero tolerance policy towards any form of child abuse. MEDE adheres to S.L. 327.546 (Recruitment, Initial Training and Continuous Professional Development of Personnel and Protection of Minors in CompulsoryEducations Regulations 2016) in its recruitment process.

1.1 The Permanent Secretary, Ministry for Education and Employment (MEDE), invites applications for the position of Scholarships Officer (Scholarship Schemes) in the Ministry for Education and Employment.

1.2 This call is being issued in relation to the implementation of the ESF Project Endeavour Scholarships Scheme and Reach High Scholars Programme. The project may be part financed by the European Union under the Operational Programme II – European Structural and Investment Funds 2014-2020 'Investing in human resources in order to create more opportunities while promoting the strengthening of society'.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a 3 year assignment as a Scholarships Officer (Scholarship Schemes), within the Ministry for Education and Employment which may be renewed for further periods.

2.2 The position of a Scholarships Officer (Scholarship Schemes) is subject to a probationary period of six months.

2.3 Since this is a position which is time-barred, the position of Scholarships Officer (Scholarship Schemes) falls under Regulation 7(4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

Salary Pegged to the Position

3. The salary attached to the position of a Scholarships Officer (Scholarship Schemes) is equivalent to Salary Scale 11 (which in the year 2019 is €18,743 per annum rising by annual increments of €375.17 up to a maximum of €20,994).

Duties

4. The duties of Scholarships Officer (Scholarship Schemes) include:

i. taħt id-direzzjoni tal-Project Administrator (Scholarship Schemes), tassisti fl-iżvilupp ta' pjanijiet ta' xogħol li jinkludu t-tqassim tax-xogħol, skadenzi, monitoraġġ u rapportaġġ tal-progress tal-proġett;

ii. tassisti fil-preparazzjoni ta' rapporti dwar il-progress tal-proġett u rapporti oħra relatati, skont kif ikun mitlub;

iii. tieħu ħsieb proġetti skont regolamenti definiti, struzzjonijiet u prattika ġenerali;

iv. tgħarbel, tiċċekkja u tikkontrolla b'eżattezza rendikonti u talbiet għal ħlas prospettiv;

v. tipprepara returns, rendikonti u statistika fuq formoli preskritti;

vi. tassisti fil-kordinazzjoni ta' xogħol amministrattiv neċessarju li hu relatat mal-proġett;

vii. tipprepara abbozzi u rapporti;

viii. tassisti fil-kordinazzjoni ta' attivitajiet promozzjonali u tipproduċi materjal informattiv;

ix. taħt id-direzzjoni tal-Project Administrator (Scholarship Schemes) tgħin fl-organizzazzjoni ta' laqgħat, fosthom laqgħat tat-tim organizzattiv, laqgħat tal-Bord u sessjonijiet tal-intervisti għar-reklutaġġ;

x. tassisti fit-teħid tal-minuti tal-laqgħat u fix-xogħol ta' rapportaġġ;

xi. tassisti fil-preparazzjoni u fil-proċess tal-intervisti lill-applikanti mill-Bord tal-Għażla;

xii. iżżomm id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa, inkluż dokumenti ta' xiri u fatturi; isir l-inputting ta' dawn id-dokumenti fid-Database tal-Fondi Strutturali u ż-żamma tal-Project files;

xiii. iżżomm rekords ta' rċevuti u tqassim ta' provvisti;

xiv. tkun disponibbli għal laqgħat, awditjar tal-FSE u monitoraġġ fuq is-sit tul il-perjodu stipulat tal-kuntratt;

xv. tikkopja, tittajpja, tiffajlja u topera makkinarju tal-uffiċċju u terminal tal-kompjuter;

xvi. iżżomm u tieħu ħsieb kif meħtieġ id-dokumentazjoni tal-proġett;

xvii. tagħmel xogħol ieħor li l-Project Administrator (Scholarship Schemes) jista'/tista' j/tiddelegalha, biex l-iskema titmexxa b'mod effettiv;

xviii. tirrapporta lil u tesegwixxi dak kollu li jista' jirriżulta minn dan il-proġett kif ikun mitlub mill-Project Administrator;

i. under the direction of the Project Administrator, assisting in the development of work plans, including setting tasks, deadlines, and monitoring and summarising progress on the project;

ii. assisting in the preparation of progress reports and any other projects related as required;

iii. dealing with projects in accordance with well-defined regulations, instructions or general practice;

iv. scrutinising, checking and cross-checking straightforward accounts and claims returns;

v. preparing returns, accounts or statistics in a prescribed form;

vi. assisting in the coordination of the necessary administrative work in relation to the project;

vii. preparing drafts and précis;

viii. assisting in the co-ordination of promotional activities and produce information materials;

ix. under the direction of the Project Administrator assist in the organisation of meetings, team meetings, Board Meetings and Interview Sessions;

x. assist in taking minutes and in carry out reporting functions;

xi. assist in the preparations for the interviewing process of the scheme applicants by the Selection Board;

xii. maintaining all the necessary documentation, including purchase documents and invoices; the inputting of these documents in the Structural Funds Database, and the upkeep of the Project Files;

xiii. keeping records of receipts and the issue of stores;

xiv. being available for meetings, ESF audits, and on-the-spot checks during the specified contract period;

xv. copying, typing, filing, operating office machinery and computer workstations;

xvi. maintaining and keeping proper documentation related to the scheme;

xvii. undertaking any other tasks, which the Project Administrator may delegate to him, as may be required for the effective running of the Scheme;

xviii. reporting to and executing all deliverables of this project as requested by the Project Administrator;

xix. tagħmel xogħol anċillari ieħor li jista' jingħatalha mill-Project Administrator (Scholarship Schemes) u/jew mill-Project Leader;

xx. dmirijiet oħra kif ikun mitlub miċ-Chief Officer, Students' Maintenance Grants' and Scholarships Unit jew is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol;

xxi. dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

xix. carrying out any other ancillary duties as assigned by the Project Administrator and/or the Project Leader;

xx. carrying out other duties as may be determined by the Chief Officer, Students' Maintenance Grants' & Scholarships' Unit or by the Permanent Secretary of the Ministry for Education and Employment;

xxi. any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'.

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. profiċjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża;

iii. fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta f'Livell 5 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 60 krettu tal-ECTS/ECVET jew ekwivalenti fir-rigward ta' programmi li bdew sa minn Ottubru 2003) fil-Maniġment, fl-Arti, fil-European Studies, fix-Xjenzi Soċjali jew fil-Lingwi jew kwalifika professjonali komparabbli.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

5.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.3 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47) li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data għall-applikazzjoni; filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

5.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'din il-pożizzjoni, skont 5.1 sa 5.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

5.5 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja

ii. must be proficient in the Maltese and English languages;

iii. in possession of a recognised qualification at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003) in Management, Arts, European Studies, Social Sciences or Languages or a comparable professional qualification.

Public Officers applying for this post must be confirmed in their current appointment.

5.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the abovementioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, taken as part of a recognised higher MQF level programme of study, as required in the afore-mentioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

5.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47) which has to be issued not earlier than one (1) month from the date of publication; those applying from the outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.4 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 5.1 to 5.3 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

5.5 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of

tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Edurecruitment Portal (https://edurecruitment.gov.mt). L-applikant irid jiġi infurmat li hemm xi dokumenti nieqsa immedjatament wara d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet u jiġi mgħarraf li konsegwentement l-applikazzjoni tiegħu ma tistax tiġi kkunsidrata aktar, sakemm l-applikant ma jipprovdix raġunijiet validi, li jissodisfaw lill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, għalfejn tali dokumenti huma nieqsa jew se jiġu sottomessi tard. Tali ġustifikazzjoni trid tintbagħat lill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku fuq (psc@gov.mt) fi żmien ħamest ijiem mid-data tan-notifika msemmija aktar kmieni f'dan il-paragrafu.

which are to be scanned and sent through the edurecruitment portal (https://edurecruitment.gov.mt). The applicant is to be informed of any missing documents immediately after the closing date of the call for applications and notified that consequently his application will not be considered further, unless justifiable reasons are given by the applicant, to the satisfaction of the Public Service Commission on (psc@gov.mt), for any omission or late submission. Such justification should be sent to the PSC within five working days from the date of the aforementioned notification.

6.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

Selection Procedures

7.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.3, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.3, have proven relevant work experience.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tas-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, permezz tal-Edurecruitment Portal **biss** (https://edurecruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant), u Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat/Ċertifikat tal-Kondotta skont kif applikabbli, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux iktar tard minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-Portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Novembru, 2019.

Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar assistenza tinkiseb minn Edu Servizz.gov fuq in-numru tat-telefown 153.

Submission of Applications

8.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Permanent Secretary, Ministry for Education and Employment, through the Edurecruitment portal **only** (https://edurecruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant), and an updated Service and Leave Record Form (GP47)/Certificate of Conduct as applicable, which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application in PDF format and which are to be uploaded through the Portal. The closing date of the receipt of applications is noon (Central European Time) of Monday, 11th November, 2019.

A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Should you require assistance with the application kindly contact Edu Servizz.gov on telephone number 153.

1. Id-Direttur (Finanzi u Amministrazzjoni) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Accounting Technician fid-Dipartiment tal-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet (IAID) fl-Uffiċċju tal-Kabinett, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Should you require assistance with the application kindly contact Edu Servizz.gov on telephone number 153.

7.2 Applicants are strongly advised not to wait until the last day to submit their applications since heavy internet traffic or a fault with the internet connection could lead to difficulties in submission. MEDE cannot be held responsible for any delay due to such difficulties.

7.3 Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) . These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

25th October, 2019

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Post of Accounting Technician in the Internal Audit and Investigations Department, within the Cabinet Office in the Office of the Prime Minister

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director (Finance and Administration) in the Office of the Prime Minister invites applications for the post of Accounting Technician in the Internal Audit and Investigations Department (IAID), within the Cabinet Office, in the Office of the Prime Minister.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur.

2.2 Is-salarju ta' Accounting Technician huwa ta' Skala ta' Salarju 12 li fis-sena 2019 huwa ta' €17,576 fis-sena, li jiżdied bi €354 fis-sena sa massimu ta' €19,700.

2.3 Persuna magħżula tkun intitolata wkoll għal:

a) IAID allowance ta' €550 fis-sena;

b) allowance annwali sħiha biex tkun utilizzata għal attivitajiet ta' żvilupp professjonli kif applikabbli fil-ftehim settorjali pertinenti.

2.4 Il-kandidati magħżula jkunu mħeġġa jkomplu l-istudji tagħhom sabiex jimxu 'l quddiem skont il-parametri tal-"Working Conditions for Officers carrying out Duties at the Internal Audit and Investigations Department". Accounting Technician fi ħdan l-IAID jiġi awtomatikament eliġibbli li joqgħod għal intervista biex jilħaq Accounting Support Officer fi Skala ta' Salarju 11 bil-job description rispettiva, kif aġġornat minn żmien għal żmien, kemm-il darba jkun qeda dmiru b'mod sodisfaċenti u temm b'suċċess Livell 5 tal-MQF primarjament f'oqsma relatati ma' finanzi bħall-accountancy jew xi qasam relatat hekk kif ikun determinat mill-Management minn żmien għal żmien.

Dmirijiet

3.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Accounting Technician fl-IAID jinkludu li:

i. Taqdi dmirijiet kif iggwidata mill-Att dwar l-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet Finanzjarji (Kap. 461 tal-Liġijiet ta' Malta) fi ħdan id-Direttorati tal-IAID;

ii. Twettaq xogħol ta' assigurazzjoni u attivitajiet ta' konsultazzjoni b'mod oġġettiv u indipendenti maħsuba biex jiżdied il-valur u jittejjeb l-operat ta' min ikun qed jiġi awditjat, filwaqt li tgħin lill-istess entitajiet li jkunu qiegħdin jiġu awditjati biex jilħqu l-għanijiet tagħhom billi jingħieb metodu sistematiku dixxiplinat biex jevalwa u jtejjeb l-effettività tar-risk management, proċessi ta' kontroll u ta' governanza;

iii. Twettaq xogħol ta' konformità u funzjonijiet ta' assigurazzjoni fi ħdan il-ministeri tal-Gvern, dipartimenti u entitajiet biex jiżguraw li l-kontrolli finanzjarji u kontrolli oħrajn relatati, sistemi, policies, direttivi u proċeduri

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of six (6) months.

2.2 The salary for the post of Accounting Technician is Salary Scale 12, which in the year 2019 is equivalent to €17,576 per annum, rising by annual increments of €354 up to a maximum of €19,700.

2.3 A selected candidate will also be entitled to:

a) an annual IAID allowance of €550;

b) a full annual allowance to be utilized for professional development activities as applicable in the pertinent sectoral agreement.

2.4 Selected candidates will be encouraged to further their studies in order to progress further in line with the parameters of the "Working Conditions for Officers Carrying out Duties at the Internal Audit and Investigations Department". An Accounting Technician within IAID, will become automatically eligible to sit for an interview to progress to Accountant Support Officer in Salary Scale 11 with the respective job description as updated from time to time, subject to satisfactory performance and upon the successful completion of course at a pertinent MQF Level 5 primarily related to finance areas such as accountancy or any other related area as determined by Management from time to time.

Duties

3.1 The duties of Accounting Technician in the IAID include:

i. Performing duties as guided by the Internal Audit and Financial Investigations Act (Cap. 461 of the Laws of Malta) within the IAID Directorates;

ii. Carrying out independent objective assurance and consulting activities designed to add value and improve the operations of auditees, while helping the same auditees to accomplish their objectives by bringing a systematic, disciplined approach to evaluate and improve the effectiveness of risk management, control and governance processes;

iii. Carrying out compliance and assurance functions within the Government ministries, departments and entities that ensure that financial and other related controls, systems, policies, directives and procedures necessary for the proper

meħtieġa għat-tħaddim adegwat ta' dawn il-ministeri tal-Gvern, dipartimenti u entitajiet u jaraw li l-liġijiet u r-regolamenti jiġu osservati;

iv. Twettaq xogħol ta' konformità u assigurazzjoni dwar il-fondi pubbliċi li jinkludu fondi li l-Gvern hu meħtieġ li jikkontrolla taħt l-obbligi internazzjonali ta' Malta;

v. Tassisti lill-uffiċjali anzjani tal-IAID fil-monitoraġġ mill-qrib u regolari tal-mekkaniżmi ta' kontroll intern u metodi ta' risk management adottati fl-amministrazzjoni pubblika;

vi. Tassisti lill-uffiċjali anzjani tal-IAID fil-monitoraġġ ta' aderenza għal kwalunkwe standards ta' kontroll interni jew linji gwida ta' risk management;

vii. Tassisti lill-uffiċjali anzjani tal-IAID fit-tħejjija ta' status reviews u assessjar ta' risk management u kontroll intern fi ħdan l-amministrazzjoni pubblika;

viii. Tassisti lill-uffiċjali anzjani tal-IAID fil-preparazzjoni ta' dokumenti ta' ħidma tal-verifika skont l-istandards u bżonnijiet;

ix. Twettaq xogħol ta' kontrolli u verifiki kif imqabbda mill-Diretturi tal-IAID, IAID Senior Audit Managers, IAID Senior Managers (Compliance & Risk), IAID Audit Managers, IAID Managers (Compliance & Risk), IAID Senior Auditors u IAID Executive (Compliance & Risk);

x. Twettaq kwalunkwe xogħol ieħor kif imqabbda mid-Direttur Ġenerali, Awditjar Intern u Investigazzjonijiet;

xi. Twettaq kwalunkwe xogħol ieħor kif imqabbda mis-Segretarju tal-Kabinett; u

xii. Twettaq dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

3.2 Il-kandidat magħżul jiġi assenjat dmirijiet ta' awditjar fi ħdan il-ministeri/dipartimenti/direttorati/diviżjoni/Entitajiet u jista' jiġi stazzjonat fil-bini tal-persuna awditjata.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; **jew**

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**

functioning of the Government ministries, departments and entities, and laws and regulations are adhered to;

iv. Carrying out compliance and assurance functions on public funds which include funds which the Government is required to manage under Malta's international obligations;

v. Assist senior IAID officials in monitoring closely and regularly the internal control mechanisms and risk management approaches adopted within the public administration;

vi. Assist senior IAID officials in monitoring adherence to any internal control standards or risk management guidelines;

vii. Assist senior IAID officials in preparing status reviews and assessments on risk management and internal control within the public administration;

viii. Assist senior IAID officials in preparing audit working papers in accordance with standards and requirements;

ix. Carrying out checks and verifications as directed by the IAID Directors, IAID Senior Audit Managers, IAID Senior Managers (Compliance and Risk), IAID Audit Managers, IAID Managers (Compliance and Risk), IAID Senior Auditors and IAID Executives (Compliance & Risk);

x. Carrying out any other work as directed by the Director General, Internal Audit and Investigations;

xi. Carrying out any other work as directed by the Secretary to Cabinet; and

xii. Any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

3.2 The successful candidate will be assigned audit duties within ministries/departments/directorates/division/Entities and may be posted at the auditee's premises.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; **or**

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; **or**

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; **jew**

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; **jew**

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tal-provvedimenti imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża;

iii. li jkollhom kwalifikazzjoni f'livell Avvanzat (MQF livell 4), jew kwalifika rikonoxxuta, xierqa, komparabbli fl-Accountancy jew fil-Business Management.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

4.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; **or**

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); **or**

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'.

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages;

iii. be in possession of an A Level (MQF Level 4), or a recognised, appropriate, comparable qualification in Accountancy or Business Management.

Public Officers applying for this post must be confirmed in their current appointment.

4.2 Qualifications at a level higher than the specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the abovementioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, taken as part of a recognised

tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3 Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti, id-dokumenti sottomessi jridu jkunu mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.5 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.6 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt). L-applikant irid jiġi infurmat li hemm xi dokumenti nieqsa immedjatament wara d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet u jiġi mgħarraf li konsegwentement l-applikazzjoni tiegħu ma tistax tiġi kkunsidrata aktar, sakemm l-applikant ma jipprovdix raġunijiet validi, li jissodisfaw lill-Kummissjoni

higher MQF level programme of study, as required in the afore-mentioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority, submitted documents should be not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.5 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.4 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.6 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal on (https://recruitment.gov.mt). The applicant is to be informed of any missing documents immediately after the closing date of the call for applications and notified that consequently his application will not be considered further, unless justifiable reasons are given by the applicant, to the satisfaction of the Public Service Commission on (psc@gov.

għas-Servizz Pubbliku, għalfejn tali dokumenti huma nieqsa jew se jiġu sottomessi tard. Tali ġustifikazzjoni trid tintbagħat lill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku fuq (psc@gov.mt) fi żmien ħamest ijiem mid-data tan-notifika msemmija aktar kmieni f'dan il-paragrafu.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.4, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tal-Fergħa tar-Riżorsi Umani, Direttorat tal-Finanzi u Amministrazzjoni, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant), u Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat/Ċertifikat tal-Kondotta skont kif applikabbli, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom ikunu uploaded permezz tal-Portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Novembru, 2019. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

mt) for any omission or late submission. Such justification should be sent to the PSC within five working days from the date of the aforementioned notification.

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.4, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7. Applications are to be submitted, for the attention of the Human Resources Branch, Finance and Administration Directorate, Office of the Prime Minister, through the Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant), and an updated Service and Leave Record Form (GP47)/Certificate of Conduct as applicable, which have been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the Portal. The closing date of the receipt of applications is noon (Central European Time) of Friday, 8th November, 2019. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) jew jinkisbu mill-Fergħa tar-Riżorsi Umani, Direttorat tal-Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Il-Belt Valletta. Dawn il-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (http://www.opm.gov.mt) u (human-resources.opm@gov.mt)

Il-25 ta' Ottubru, 2019

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

Post ta' Tabib Konsulent b'Interess Speċjali fl-Endokrinoloġija u d-Dijabete fid-Dipartiment tal-Mediċina, fl-Isptar Mater Dei, fil-Ministeru għas-Saħħa

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Tabib Konsulent b'interess speċjali fl-Endokrinoloġija u d-Dijabete fid-Dipartiment tal-Mediċina, fl-Isptar Mater Dei, fil-Ministeru għas-Saħħa.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.2 Is-salarju ta' Tabib Konsulent b'interess speċjali fl-Endokrinoloġija u d-Dijabete huwa ta' Skala ta' Salarju 4, li fis-sena 2019 huwa €35,251 fis-sena.

2.3 Persuna fil-ħatra ta' Tabib Konsulent b'interess speċjali fl-Endokrinoloġija u d-Dijabete tirrapporta direttament liċ-Chairperson Kliniku tad-Dipartiment tal-General Internal Medicine.

2.4 Persuna li tiġi maħtura tkun tista' tagħżel li taħdem fuq bażi ta' Kuntratt A jew Kuntratt B.

2.5 Persuna maħtura tkun intitolata għal tali benefiċċji oħra, u suġġetta għal tali kundizzjonijiet u obbligi oħra li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern u l-Unjin kompetenti.

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) or may be obtained from the Human Resources Branch, Finance and Administration Directorate, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (http://www.opm.gov.mt) and (human-resources.opm@gov.mt).

25th October, 2019

MINISTRY FOR HEALTH

Post of Consultant Physician with a Special Interest in Endocrinology and Diabetes in the Department of Medicine at Mater Dei Hospital in the Ministry for Health

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management), Ministry for Health invites applications for the post of Consultant Physician with a special interest in Endocrinology and Diabetes in the Department of Medicine at Mater Dei Hospital, in the Ministry for Health.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of one (1) year.

2.2 The salary for the post of Consultant Physician with a special interest in Endocrinology and Diabetes is Salary Scale 4, which in the year 2019 is equivalent to €35,251 per annum.

2.3 The Consultant Physician with a special interest in Endocrinology and Diabetes shall report to the Clinical Chairperson, Department of General Internal Medicine.

2.4 The appointee will be able to choose to work on a Contract A or B basis.

2.5 An appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

Dmirijiet

3.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Tabib Konsulent b'interess speċjali fl-Endokrinoloġija u d-Dijabete jinkludu fost l-oħrajn li:

i. tkun parti mid-Dipartiment u tkun direttament responsabbli lejn iċ-Chairperson Kliniku;

ii. tipprovdi l-kura klinika kollha fil-qasam tal-ispeċjalità skont l-istandards ta' kwalità tal-professjoni;

iii. tieħu sehem fl-attivitajiet tad-Dipartiment, tipparteċipa fil-programmi ta' tagħlim u riċerka tiegħu, tattendi regolarment għal laqgħat kliniċi u tieħu sehem fil-proċess ta' assigurazzjoni ta' kwalità u verifika;

iv. tipprovdi servizzi speċjalizzati fi sptarijiet oħra u/jew f'ċentri tas-saħħa skont programmi approvati, u tista' wkoll tkun meħtieġa li tagħti servizz fi kwalunkwe estensjoni futura ta' servizzi tas-saħħa hekk kif provdut taħt Skema Nazzjonali tas-Saħħa komprensiva;

v. iżżomm ruħha aġġornata mal-iżviluppi kurrenti fl-oqsma kliniċi/mediċi tal-General/Internal Medicine, Endocrinology u Diabetes u tieħu sehem f'laqgħat ta' wara l-gradwazzjoni kemm lokalment kif ukoll barra. Persuna maħtura tkun meħtieġa li tinvolvi ruħha fl-edukazzjoni kontinwa ta' kollegi kliniċi fil-livelli kollha rigward l-użu xieraq tal-faċilitajiet kollha rilevanti;

vi. tipparteċipa fil-ħidma tad-Dipartiment hekk kif assenjat miċ-Chairperson Kliniku;

vii. tikkollabora ma' u tagħti pariri lil membri oħra tal-istaff mediku, u tal-allied health dwar materji li jappartjenu għall-ispeċjalità;

viii. tkun involuta fis-superviżjoni ta' junior staff, flimkien ma' persunal ieħor lokali jew barrani fuq żjara u taċċerta t-twettiq ta' programm kontinwu ta' taħriġ u edukazzjoni fir-rigward tagħhom;

ix. tieħu sehem fit-tagħlim u taħriġ ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif meħtieġ u tkun involuta fi programmi kontinwi ta' riċerka;

x. twaqqaf mekkaniżmi xierqa biex tiżgura kwalità tas-servizzi u ta' verifika medika;

xi. tkun meħtieġa li tattendi għall-ħtiġiet tal-pazjenti skont l-eżiġenzi tas-servizz meta tkun on call;

xii. taqsam ir-riżorsi ma' Konsulenti u firms eżistenti. Il-persuna maħtura għandha tkun responsabbli li taċċerta

Duties

3.1 The duties of Consultant Physician with a special interest in Endocrinology and Diabetes include amongst others:

i. forming part of the Department and be directly accountable to the Clinical Chairperson;

ii. providing all clinical care within the remit of the specialty in accordance with quality standards of the profession;

iii. taking part in the activities of the Department, participating in its teaching and research programmes, attending regularly at clinical meetings and partaking in the process of quality assurance and audit;

iv. providing specialised services in other hospitals and/or health centres in accordance with approved programmes, and may also be required to provide service in any future extension of health services as provided under a comprehensive National Health Scheme;

v. keeping abreast with the current developments in the field of medical/clinical medicine, endocrinology and diabetes and participating in postgraduate meetings locally and abroad. He/she will be required to involve himself/herself in the ongoing education of clinical colleagues at all levels with regard to the appropriate use of all relevant facilities;

vi. participating in the work of the Department as assigned by the Clinical Chairperson;

vii. liaising with and advising other members of the medical and allied health on matters pertaining to the specialty;

viii. being involved in the supervision of junior staff, together with any other local or foreign visiting personnel, and ensuring the implementation of a continuous training and education programme in their respect;

ix. participating in undergraduate and postgraduate teaching and training as required and being involved in ongoing research programmes;

x. establishing appropriate mechanisms to ensure quality of services and medical audit;

xi. being required to attend to the needs of patients according to the exigencies of the service when on call;

xii. sharing resources with existing Consultants and firms. The appointee shall be responsible to ensure that discipline

li d-dixxiplina u l-prattika (inkluż l-aspetti ta' iġjene) li jaffettwaw lill-pazjenti taħt il-kura tagħha huma tal-ogħla livell possibbli;

xiii. tkopri għas-sessjonijiet ta' filgħodu, waranofsinhar u filgħaxija fuq bażi ta' roster;

xiv. tista' tkun meħtieġa tipprovdi servizz ta' on call barra l-ħin normali;

xv. tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru għas-Saħħa;

xvi. twettaq dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Aktar dettalji dwar id-dmirijiet jistgħu jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, li tista' tiġi kkuntattjata wkoll permezz ta' ittra elettronika lil (recruitment.health@gov.mt).

3.2 Persuna maħtura tista' tkun meħtieġa li twettaq dmirijiet fi kwalunkwe servizz għall-kura tas-saħħa tal-Gvern ta' Malta skont id-diskrezzjoni tal-Amministrazzjoni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta'

and practice (including aspects of hygiene) affecting patients under his/her care are of the highest possible level;

xiii. providing cover for morning, afternoon and evening sessions on a roster basis;

xiv. may be required to provide an on call service outside normal hours;

xv. making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry for Health;

xvi. carrying out any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Further details of the job description may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health, 15, Palazzo Castellania, Triq Merkanti, Valletta VLT 1171, which may also be contacted by email to (recruitment.health@gov.mt).

3.2 An appointee may be required to perform duties in any of the healthcare services of the Government of Malta at the discretion of the Management.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals)

Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. profiċjenti fil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża;

4.2 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandu wkoll:

i. ikollhom isimihom imniżżel fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti tal-General/Internal Medicine U tal-Endocrinology and Diabetes miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta: jew

ii. ikunu approvati li isimhom jitniżżel fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti tal-General/Internal Medicine U tal-Endocrinology and Diabetes miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

iii. a. ikollhom Certificate of Completion of Specialist Training (CCST) maħruġ mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta għall-professjoni rilevanti, li juri li l-applikant lesta tali taħriġ speċjalizzat li jista' jintalab għall-General/Internal Medicine U għall-Endocrinology and Diabetes; jew

b. ikollhom kwalifika ta' speċjalist ekwivalenti għas-CCST fil-General/Internal Medicine U tal-Endocrinology and Diabetes, li tkun maħruġa mill-Awtorità kompetenti ta' stat membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, kif indikat f'parti 1b tat-Tieni Skeda tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa ta' Malta; jew

c. ikollhom kwalunkwe kwalifika oħra ta' speċjalist dment li ma' din tinhemeż dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta, li tiddikjara li l-kwalifiki/esperjenza huma suffiċjenti sabiex tabib ikun irreġistrat mal-Kunsill Mediku ta' Malta bħala Speċjalist fil-General/Internal Medicine U tal-Endocrinology and Diabetes.

4.3 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandu aktar minn hekk

Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'.

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. proficient in the Maltese and English languages;

4.2 By the closing time and date of this call for applications, applicants must furthermore be:

i. listed in the Specialist Register of General/Internal Medicine AND Endocrinology and Diabetes kept by the Medical Council of Malta; or

ii. approved for inclusion in the Specialist Register of General/Internal Medicine AND Endocrinology and Diabetes kept by the Medical Council of Malta; or

iii. a. in possession of a Certificate of Completion of Specialist Training (CCST) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta for the relevant profession, which shows that the applicant has completed such specialist training as may be prescribed for General/Internal Medicine AND Endocrinology and Diabetes ; or

b. in possession of a specialist qualification equivalent to the CCST for General/Internal Medicine AND Endocrinology and Diabetes, which is issued by the competent authority in another EU member state, as listed in Part 1b of the Second Schedule of the Health Care Professions Act of Malta; or

c. in possession of any other specialist qualification provided that this must be accompanied by a formal recognition statement by the Specialist Accreditation Committee of Malta, stating that the qualifications/experience are sufficient for a doctor to be registered with the Medical Council of Malta as a specialist in General/Internal Medicine AND Endocrinology and Diabetes.

4.3 By the closing time and date of this call for applications, applicants must furthermore have two (2)

ikollhom sentejn (2) esperjenza full-time bħala Speċjalist fil-General/Internal Medicine U tal-Endocrinology and Diabetes. Qed ikun hawnhekk ikkjarifikat li l-esperjenza bħala Speċjalist titqies li ma tibdiex qabel id-data tar-Reġistrazzjoni fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta, jew reġistrazzjoni ekwivalenti maħruġa mill-awtorità kompetenti fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea. Qed ikun ikkjarifikat ukoll li l-esperjenza mwettqa fuq bażi part-time jew fi kwalunkwe każ fuq bażi ta' inqas minn erbgħin (40) siegħa fil-gimgħa, tkun rikonoxxuta fuq bażi prorata.

4.4 Persuna magħżula li tkun eliġibbli taħt paragrafu 4.2 (iii) (b) u paragrafu 4.2 (iii) (c) hawn fuq trid tkun imniżżla fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta u trid tkun ukoll irreġistrata bis-sħiħ mal-Kunsill Mediku ta' Malta qabel il-ħatra.

4.5 Kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 4.2 (iii) (b) jew paragrafu 4.2 (iii) (c) hawn fuq iridu jiksbu ittra ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta li tikkonferma li l-kwalifiki tagħhom jistgħu jiġu kkunsidrati bħala ekwivalenti għas-Certificate of Completion of Specialist Training (CCST) maħruġ mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta. F'każ ta' diffikultà għandu jintalab il-parir tal-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta.

Sabiex tiġi ffaċilitata r-referenza, is-sit elettroniku tal-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta jista' jiġi kkonsultat minn (https://deputyprimeminister.gov.mt/en/sph/Pages/Specialist-Accreditation-Committee.aspx).

4.6 Kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 4.2 (iii) (b) jew paragrafu 4.2 (iii) (c), u li jkunu meħtieġa jippreżentaw dikjarazzjoni mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalist kif mitlub fil-paragrafu 4.5 għandhom jinkludu kopja ta' din id-dikjarazzjoni mal-applikazzjoni u jippreżentaw l-oriġinali waqt l-intervista. Kandidati li mhumiex fil-pussess ta' din id-dikjarazzjoni xorta jistgħu japplikaw, basta jissottomettu kopja ta' din id-dikjarazzjoni hekk kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u fi kwalunkwe ċirkustanza mhux aktar tard mid-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jippreżentawx id-dikjarazzjoni meħtieġa fi żmien xahar għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tagħhom jistgħu jitolbu estenjoni ta' dan il-limitu ta' żmien b'xahar ieħor mill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet lil hinn minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

4.7 Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal

years full-time experience as a Specialist in General/Internal Medicine AND Endocrinology and Diabetes . It is hereby being clarified that specialist experience will be deemed not to commence prior to the date of registration in the Specialist Register kept by the Medical Council of Malta, or equivalent registration issued by the competent authority in another EU Member State. It is furthermore being clarified that experience carried out on a part-time basis, or in any case on a basis of less than forty (40) hours per week, is reckoned on a pro-rata basis.

4.4 The successful candidate eligible under paragraph 4.2 (iii) (b) and paragraph 4.2 (iii) (c) above must be listed in the Specialist Register kept by the Medical Council of Malta and must also be fully registered with the Medical Council of Malta before appointment.

4.5 Candidates applying in terms of paragraph 4.2 (iii) (b) or paragraph 4.2 (iii) (c) above must obtain a recognition statement from the Specialist Accreditation Committee of Malta confirming that their qualifications may be considered as an equivalent to the Certificate of Completion of Specialist Training (CCST) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta. In case of any difficulty, the advice of the Specialist Accreditation Committee of Malta is to be sought.

For ease of reference, the website of the Specialist Accreditation Committee of Malta may be consulted at (https://deputyprimeminister.gov.mt/en/sph/Pages/Specialist-Accreditation-Committee.aspx).

4.6 Candidates applying in terms of paragraph 4.2 (iii) (b) or paragraph 4.2 (iii) (c) and who are required to present a statement by the Specialist Accreditation Committee as specified in paragraph 4.5 should include a copy of that statement with their application and present the original at the interview. Candidates not in possession of the required statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement as soon as it is available and in any case, by not later than the closing date of this call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for an extension beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

4.7 Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open

gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.8 Kwalifiki formali, ħiliet u esperjenza speċjalizzata fl-Endocrinology and Diabetes jiġu evalwati abbażi tal-portfolio tal-esperjenza tax-xogħol tal-applikant. Evidenza formali ta' taħriġ u kwalifiki elenkati fil-portafoll iridu jiġu ppreżentati mal-applikazzjoni.

4.9 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47) li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni; filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.10 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.9 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.11 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of six (6) months.

2.2 The salary for the post of Tradesman is Salary Scale 16, which in the year 2019 is equivalent to €13,530 per annum, rising by annual increments of €263 up to a maximum of €15,108.

2.3 A Tradesman will progress to Salary Scale 15, which in the year 2019 is equivalent to €14,390 per annum, rising by annual increments of €298 up to a maximum of €16,178 on completion of five (5) years' service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.4 A Tradesman will be promoted to the grade of Senior Tradesman in Salary Scale 14, which in the year 2019 is equivalent to €15,393 per annum, rising by annual increments of €316.83 up to a maximum of €17,294 on completion of 10 years' service in the grade of Tradesman, or five (5) years if in possession of a Higher Technician Diploma or a recognised, comparable or higher technical qualification, subject to satisfactory performance.

2.5 Il-Higher Technician Diploma hija meqjusa bħala kwalifika f'Livell 5 tal-MQF. Persuna li jkollha kwalifika xierqa, rikonoxxuta, f'Livell 4 tal-MQF, segwita b'sentejn (2) esperjenza xierqa u ppruvata, titqies bħala li tissodisfa l-klawsola ta' Higher Technician Diploma, jew kwalifika teknika oħra rikonoxxuta u kumparabbli jew kwalifika teknika ogħla.

2.6 Il-persuna nnominata tkun intitolata għal benefiċċji oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u l-obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe fethim rilevanti bejn il-Gvern ta' Malta u l-Unions kompetenti.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Tradesman/Senior Tradesman (Mason) jinkludu li:

a. tagħmel xogħol fi gruppi żgħar u f'għoli varju, fuq proġetti li jinvolvu kostruzzjoni ġdida u xogħlijiet ta' restawr/tiswija/manutenzjoni fuq strutturi varji inklużi, iżda mhux limitati għall-fortifikazzjonijiet, bini storiku, monumenti arkitettoniċi u pavimentar antik/ġdid;

b. tagħmel xogħol ta' kostruzzjoni ta' ħitan tal-ġebel/briks, bini jew kwalunkwe strutturi oħra mibnija mingħajr l-użu ta' tajn jew inkella mqiegħda bit-tajn;

c. taqta', tifforma, twitti u tqiegħed ġebel inkluż żmarrar u tiswija ta' knaten eżistenti;

d. tonġor il-ġebla (irkaptu) u tgħaddi l-lavur;

e. timmaniġġja ważi u ġebel tal-ordni;

f. tfassal, tħejji mollijiet u tibni arkati, alkovi, taraġ tal-ġebel, garigori eċċ., u tkun responsabbli għall-bini u żarmar tal-armar tal-injam meħtieġa u shuttering/props;

g. tipproduċi mollijiet ta' lavur, dettalji, eċċ. biex jiġu replikati jew mibdula strutturi tal-ġebel eżistenti;

h. tirfed strutturi perikoluži u twettaq tiswijiet inkluż żarmar parzjali u bini mill-ġdid u sostituzzjoni ta' blokki tal-ġebel nieqsa/difettużi, waqt li tieħu l-miżuri kollha ta' sigurtà meħtieġa;

i. taqra u tinterpreta ħżuż u pjanti ta' bini/strutturi eċċ., tiddetermina l-metodoloġiji tax-xogħol u l-materjali meħtieġa u l-eżekuzzjoni tal-kostruzzjoni tagħhom f'konformità mar-regolamenti sanitarji u leġiżlazzjonijiet oħra applikabbli;

2.5 The Higher Technician Diploma is rated at MQF Level 5. A person in possession of an appropriate, recognised MQF Level 4 qualification, followed by two (2) years proven, appropriate experience, shall be deemed to satisfy the clause Higher Technician Diploma or a recognised, comparable, or higher technical qualification.

2.6 The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government of Malta and the competent Union.

Duties

3. The duties of Tradesman/Senior Tradesman (Mason) include:

a. working in small gangs and at various heights, on projects involving new construction and restoration/repair/maintenance works on various structures including, but not limited to, fortifications, historic buildings, architectural monuments and old/new paving;

b. constructing stone/brick walls, buildings or any other structures both in dry construction (i.e. without using mortar) or laid with mortar;

c. cutting, shaping, smoothening and laying stones including cutting back of existing stone blocks and piecing in;

d. dressing of stone (irkaptu) and the formation of mouldings (lavur);

e. handling of special sized stonework (ważi/ġebel tal-ordni);

f. sketching, preparing templates and building arches, alcoves, spiral staircases etc., and being responsible for the erection and dismantling of required wooden frameworks and shuttering/props;

g. producing templates of mouldings, details etc. to replicate or replace existing stone structures;

h. propping dangerous structures and conducting repairs, including partial dismantling and re-erection and replacement of missing/defective stone blocks, whilst taking all the safety measures required;

i. reading and interpreting sketches and schematic drawings of buildings/structures etc., determining work methodologies and materials required and executing their construction in line with sanitary regulations and other applicable legislations;

j. tirċievi ordnijiet mis-superjuri tagħha u tesegwihom waqt li tkun qed taħdem/tidderieġi, u tkun responsabbli għas-sottotim tagħha;

k. tagħmel użu minn makkinarju u impjant li d-Direttorat jista' jixtri għall-eżekuzzjoni xierqa tax-xogħol;

l. tagħmel użu ta' armar (scaffolding) u tassisti fil-bini tal-istess scaffolding, kif meħtieġ;

m. twettaq prattiki ta' xogħol siguri biex jiġi identifikat u evitat il-periklu, u biex tkun assigurata s-sigurtà tagħha, ta' ħaddiema oħra u tal-pubbliku;

n. tipparteċipa f'kull sessjoni ta' taħriġ li tiġi organizzata mid-Direttorat jew entitajiet oħra tas-Servizz Pubbliku, kif iddettat mill-eżiġenzi tax-xogħol u tal-iżvilupp kontinwu tad-Direttorat, inkluż iżda mhux limitat għal taħriġ fl-eżekuzzjoni tax-xogħol bil-ħbula (abseiling), u tapplika t-taħriġ li rċieviet fix-xogħol tagħha ta' kuljum;

o. twettaq kull dmir ieħor relatat mas-sengħa tagħha li jista' jitqies neċessarju mid-Direttur u/jew mir-rappreżentanti tiegħu;

p. dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku, skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-

j. receiving orders from his/her superiors and executing them whilst working/directing and being responsible for his/her sub-team;

k. making use of machinery and plant which the Directorate might procure for the proper execution of work;

l. making use of scaffolding and assisting in the erection of same, as necessary;

m. carrying out safe work practices to identify and prevent hazards and to ensure the safety of himself/herself, other workers and members of the public;

n. participating in any training sessions as organized by the Directorate of other Public Service entities as dictated by the Directorate's continuous development work exigencies, including but not limited to training in the execution of work through rope access (abseiling), and applying training received in his/her daily work;

o. carrying out any other duties related to his/her trade as may be deemed necessary by the Director and/or his representatives;

p. any other duties according to the exigencies of the Public Service, as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the

regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji.

'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identity Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispozizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identity Malta Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u/jew bil-lingwa Ingliża;

ii. able to communicate in the Maltese and/or English languages;

iii. ikollhom il-Joureyman's Certificate fis-sengħa ta' Bennej wara li jkunu temmew b'suċċess kors ta' studju taħt l-Extended Skills Training Scheme (ESTS), jew kwalifika rikonoxxuta, xierqa, kumparabbli jew ogħla;

iii. in possession of the Journeyman's Certificate in the trades of Mason after having successfully completed the course of study under the Extended Skills Training Scheme (ESTS) or a recognised, appropriate, comparable or higher qualification;

JEW

OR

iv. uffiċjali pubbliċi li l-kompetenza tagħhom fis-sengħa ta' Bennej hija ċċertifikata minn Trade Testing Board imwaqqaf taħt l-Employment and Training Services Act.

iv. public officers whose competence in the trade of Mason has been certified by a Trade Testing Board set up under the Employment and Training Services Act.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

Public Officers applying for this post must be confirmed in their current appointment.

4.2. Applikazjonijiet laterali minn uffiċjali pubbliċi, li diġà għandhom ħatra fl-istess grad imsemmi f'din is-sejħa, huma aċċettati biss bil-kundizzjoni li l-ispeċjalizzazzjoni marbuta ma' din il-vakanza hija differenti minn dik relatata mal-ħatra kurrenti tal-applikanti u liema vakanza tirrikjedi kwalifika speċifika relatata bħala rekwiżit tal-eliġibbiltà, li l-applikant huwa mistenni li jissodisfa.

4.2 Lateral applications by public officers who already hold an appointment in the same grade being advertised are allowed only if the area of specialisation of the vacancy is different to the one held by the applicant and requires a specific related qualification as an eligibility requirement, which the applicant must satisfy.

4.3 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

4.3 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Barra minn hekk, dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija jew inkella jkunu lestew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, meħuda bħala parti minn programm ta' studju ta' livell ogħla tal-MQF rikonoxxut, kif mitlub fil-kriterji tal-eliġibbiltà ta' hawn fuq, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the abovementioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question, or successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, taken as part of a higher recognised MQF level programme of study, as required in the afore-mentioned eligibility criteria, by the closing time and date of the call for applications.

4.4 Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.5 L-applikanti jridu jkunu ta' kondotta li hi xierqa għall-post li l-persuna qed tapplika għalih (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat u maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni; filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

4.6 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.5 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.7 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt). L-applikant irid jiġi infurmat li hemm xi dokumenti nieqsa immedjatament wara d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet u jiġi mgħarraf li konsegwentement l-applikazzjoni tiegħu ma tistax tiġi kkunsidrata aktar, sakemm l-applikant ma jipprovdix raġunijiet validi, li jissodisfaw lill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku fuq (psc@gov.mt), għalfejn tali dokumenti huma nieqsa jew se jiġu sottomessi tard. Tali ġustifikazzjoni trid tintbagħat lill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku fuq (psc@gov.mt) fi żmien ħamest ijiem mid-data tan-notifika msemmija aktar kmieni f'dan il-paragrafu.

4.4 Public Officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.5 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for (applicants who are already in the Malta Public Service must produce an updated Service and Leave Record Form (GP 47) issued not earlier than one (1) month from the date of application; those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

4.6 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.5 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.7 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt). The applicant is to be informed of any missing documents immediately after the closing date of the call for applications and notified that consequently his application will not be considered further, unless justifiable reasons are given by the applicant, to the satisfaction of the Public Service Commission on (psc@gov.mt), for any omission or late submission. Such justification should be sent to the Public Service Commission on (psc@gov.mt) within five working days from the date of the aforementioned notification.

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervistà.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant), u Service and Leave Record Form (GP 47) aġġornat/Ċertifikat tal-Kondotta skont kif applikabbli, f'format PDF, li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, u li għandhom ikunu uploaded permezz tal-Portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Novembru, 2019. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispozizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

Dispozizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispozizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) jew jinkisbu mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi, Spinola Palace Business Centre, Livell 3, Triq San Kristofru, il-Belt Valletta. Dawn id-

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7. Applications are to be submitted, for the attention of the Director Corporate Services, Ministry for Justice, Culture and Local Government, through the Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant), and an updated Service and Leave Record Form (GP47)/Certificate of Conduct as applicable, in PDF format, which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, which are to be uploaded through the Portal. The closing date of the receipt of applications is noon (Central European Time) of Friday, 8th November, 2019. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/FormsandTemplates.aspx) or may be obtained from Corporate Services Directorate, Spinola Palace Business Centre, Level 3, Triq San Kristofru, Valletta. These general

dispozizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (http://www.mjcl@gov.mt) u (recruitment.mjcl@gov.mt).

Il-25 ta' Ottubru, 2019

KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA

Vakanza għall-Post ta' Grad Part-time (Skala 15) mal-Kunsill Lokali Ħal Lija

Permess tal-Jobsplus Nru. 799/2019

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija għandu vakanza għall-post ta' Grad part-time (Skala 15).

Il-kandidati prospettivi jrid ikollhom ir-rekwiżiti li ġejjin:

Skrivan (Skala 15)
Ħames suġġetti differenti fil-livell ordinarju (passes tal-'O' level ta' minimu grad Ċ jew ekwivalenti), li għandhom jinkludu l-Malti, l-Ingliż u l-Matematika.

B'żieda ma' dan, li wieħed ikollu r-rekwiżiti li ġejjin ikun ikkunsidrat bħala vantaġġ:

ikollhom ċertifikat tal-ECDL; lesti li jaħdmu ħinijiet flessibbli; applikanti għandu jkollhom kondotta tal-pulizija nadifa; applikanti għandhom ikunu maturi u kapaċi jaħdmu b'superviżjoni minima; applikanti għandu jkollhom ħiliet tajba biex jirrispondu t-telefown u jikkomunikaw mal-pubbliku; preferibbilment ikollhom liċenzja tas-sewqan valida u mezz ta' trasport; għandhom juru abbiltajiet amministrattivi u jafu jmorru mal-klijenti.

Applikanti li jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti msemmija hawn fuq, u jixtiequ japplikaw għal dan l-impjieg, jistgħu jissottomettu Curriculum Vitae dettaljat flimkien ma' kopji taċ-ċertifikati rilevanti. Kandidati interessati li japplikaw għandhom jikkwotaw in-numru tal-permess tal-Jobsplus 799/2019 fl-applikazzjonijiet tagħhom li għandhom jaslu f'dan l-uffiċċju sa mhux aktar tard mill-Ħamis, 7 ta' Novembru, 2019, u jkunu indirizzati lil:

Is-Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħal Lija
27, Triq Robert Mifsud Bonnici
Ħal Lija LJA 1403

Kandidati jkunu meħtieġa joqogħdu għal intervista.

NB: Tagħrif personali mogħti mill-applikanti jkun proċessat skont it-termini tar-Recruitment Privacy Policy tal-Kunsill, li jista' jiġi aċċessat mis-sit elettroniku tal-Kunsill (lijalocalcouncil.com).

Il-25 ta' Ottubru, 2019

provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (http://www.mjcl.gov.mt) and (recruitment.mjcl@gov.mt).

25th October, 2019

ĦAL LIJA LOCAL COUNCIL

Vacancy for the Post of Part-timer Grade (Scale 15) with Ħal Lija Local Council

Jobsplus Permit No. 799/2019

A vacancy has arisen within the Ħal Lija Local Council for the post of a part-timer Grade (Scale 15).

Prospective candidates need the following requirements:

Clerk (Scale 15)
Five different subjects at Ordinary level (a minimum of 'O' level passes in grade C or equivalent), which shall include Maltese, English and Mathematics.

In addition to the above, being also in possession of the following requirements would be considered an asset:

in possession of ECDL Licence; be willing to work flexible hours; applicants must have a clean police conduct; applicants must be mature and capable of working with minimal supervision; applicants must have good telephone skills and be able to communicate with the public; preferably have a valid driving licence and means of transport; must demonstrate administrative abilities and be customer oriented.

Applicants who satisfy the above requirements wishing to apply for this job may submit a detailed Curriculum Vitae together with copies of relevant certificates. Candidates interested in applying should quote the Jobsplus permit number 799/2019 in their applications which should reach this office by not later than Thursday, 7th November, 2019, addressed to:

The Executive Secretary
Ħal Lija Local Council
27, Triq Robert Mifsud Bonnici
Ħal Lija LJA 1403

Candidates will be required to sit for an interview.

NB: Personal data submitted by applicants shall be processed in terms of the Council's Recruitment Privacy Policy, which can be accessed through the Council's website (lijalocalcouncil.com).

25th October, 2019

KUMMISSJONI NAZZJONALI
GĦALL-PROMOZZJONI TAL-UGWALJANZA

Vakanza

Manager (Policy and Training)
(Permess tal-Jobsplus Nru. 232/2019)

Din il-vakanza fi ħdan il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) hija fi Skala ta' Salarju 6 tas-Servizz Pubbliku. Din il-pożizzjoni hi b'kuntratt indefinit fuq bażi full-time.

Il-Manager (Policy and Training) irid ikollu/ha fil-pussess tiegħu/tagħha:

a) Kwalifika ta' Masters rikonoxxuta, f'Livell 7 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, rigward programmi mibdija minn Ottubru 2008), f'Diplomazija, Antropoloġija, Azzjoni Umanitarja, International Relations, Studji Soċjali, Soċjoloġija, Psikoloġija, Public Policy, Gender Studies, Liġi, Komunikazzjoni, Studji Ewropej jew kwalifika komparabbli professjonali, kif ukoll sentejn (2) esperjenza ta' xogħol rilevanti.

JEW

b) Kwalifika ta' Bachelors rikonoxxuta, f'Livell 6 tal-MQF, (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, rigward programmi mibdija minn Ottubru 2003), f'Antropoloġija, Contemporary Mediterranean Studies, International Relations, Studji Soċjali, Soċjoloġija, Psikoloġija, Humanities, Social Policy, Komunikazzjoni, Liġi, Studji Ewropej jew kwalifika komparabbli professjonali, kif ukoll erba' (4) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

Il-kandidati għandu jkollhom ukoll kapaċitajiet ta' komunikazzjoni inkluż kitba tajba tal-Malti u tal-Ingliż, kapaċi jużaw sew l-applikazzjonijiet rilevanti tal-MS Office.

Dawk kollha interessati għandhom jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom, flimkien ma' CV dettaljata, lill-A/Direttur Eżekuttiv tal-NCPE sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn, 11 ta' Novembru, 2019. Applikazzjonijiet li jaslu wara din id-data ma jiġux ikkunsidrati.

NCPE
Gattard House
Triq Nazzjonali
Blata l-Bajda HMR 9010
Tel: 2295 7850
Indirizz elettroniku: (equality@gov.mt)
Sit elettroniku: (www.equality.gov.mt)

Il-25 ta' Ottubru, 2019

NATIONAL COMMISSION
FOR THE PROMOTION OF EQUALITY

Vacancy

Manager (Policy and Training)
(Jobsplus Permit No. 232/2019)

This post within the National Commission for the Promotion of Equality (NCPE) is pegged to Public Service Salary Scale 6. The selected candidate will be expected to enter into a full-time indefinite contract.

The Manager (Policy and Training) must be in possession of:

a) a recognised Masters qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2008) in Diplomacy, Anthropology, Humanitarian Action, International Relations, Social Studies, Sociology, Psychology, Public Policy, Gender Studies, Law, Communications, European Studies or a comparable professional qualification, plus two (2) years relevant work experience.

OR

b) a recognised Bachelors qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent, with regard to programmes commencing as from October 2003) in Anthropology, Contemporary Mediterranean Studies, International Relations, Social Studies, Sociology, Psychology, Humanities, Social Policy, Communications, Law, European Studies or a comparable professional qualification plus four (4) years relevant work experience.

Applicants should have good communication skills including good writing skills in both Maltese and English, and must also be able to use relevant MS Office applications.

Interested persons should send their application together with a detailed CV to the A/Executive Director by not later than Monday, 11th November, 2019. Late submissions will not be considered.

NCPE
Gattard House
Triq Nazzjonali
Blata l-Bajda HMR 9010
Tel: 2295 7850
Email: (equality@gov.mt)
Website: (www.equality.gov.mt)

25th October, 2019

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET EWROPEJ U L-UGWALJANZA

Pożizzjoni ta' Direttur Ġenerali (EU Coordination Unit) fil-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza

Il-Kumitat Konsultattiv għall-Ħatriet Anzjani (SAAC) jixtieq jidentifika individwi kompetenti biex ikunu rrakkomandati biex timtela Headship Position fi Grad 3 (Skala ta' Salarju 3) fil-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza kif elenkat hawn taħt:

Direttur Ġenerali (EU Coordination Unit)

Il-ħatra hija fuq bażi ta' Performance Agreement ta' tliet snin, u hija suġġett għal perjodu ta' prova ta' sena.

Eliġibbiltà

F'każ ta' uffiċjali pubbliċi, dawk eliġibbli għal din il-pożizzjoni jridu jkunu:

(a) uffiċjali pubbliċi anzjani li għandhom grad sostantiv fi Skala 7 jew ogħla; **jew** uffiċjali pubbliċi anzjani li servew fis-Servizz Pubbliku f'pożizzjonijiet klassifikati fi Skala 7 jew ogħla għal sitt snin konsekuttivi; **jew** uffiċjali pubbliċi oħrajn li servew fis-Servizz Pubbliku f'pożizzjonijiet klassifikati fi Skala 7 jew ogħla għal erba' snin konsekuttivi; **u**

(b) kapaċi jikkomunikaw tajjeb bil-kliem u bil-kitba bl-ilsien Malti kif ukoll bl-Ingliż.

Uffiċjali li preżentement jokkupaw kariga ta' kap u li servew mill-inqas sena mit-terminu tal-Performance Agreement attwali jistgħu japplikaw għall-pożizzjoni msemmija f'dan l-avviż; dan kemm-il darba jkunu ssodisfaw il-ħtiġiet ta' eliġibbiltà pertinenti. Il-perjodu ta' sena għall-fini ta' ħtieġa tal-eliġibbiltà ma jgħoddx meta l-individwu qed japplika għal pożizzjoni ogħla.

F'każ ta' persuni li mhumiex uffiċjali pubbliċi, l-eliġibbiltà titqies kif ġej:

(a) sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti jridu jkunu ċittadini Maltin;

(b) l-applikanti jridu jippreżentaw provi ta' esperjenza ta' mill-anqas erba' snin f'kariga tal-livell ta' senior management komparabbli ma' dik ta' pożizzjonijiet ikklassifikati fi Skala 7 jew ogħla fis-Servizz Pubbliku;

MINISTRY FOR EUROPEAN AFFAIRS AND EQUALITY

Position of Director General (EU Coordination Unit) in the Ministry for European Affairs and Equality

The Senior Appointments Advisory Committee (SAAC) wishes to identify suitable individuals and competent professionals who could be recommended to fill a Headship Position in Grade 3 (Salary Scale 3) in the Ministry for European Affairs and Equality as listed hereunder:

Director General (EU Coordination Unit)

The appointment shall be made on the basis of an Agreement for a period of three years and is subject to a one-year probation period.

Eligibility

In the case of public officers, for applicants to be eligible in respect of this position they must be:

(a) senior public officers who have a substantive grade in Scale 7 or higher; **or** who have served for six consecutive years in the Public Service in positions classified in Scale 7 or higher; **or** other public officers who have served for four consecutive years in the Public Service in positions classified in scale 7 or higher; **and**

(b) proficient and able to communicate effectively both verbally and in writing in the Maltese and English languages.

Officers currently occupying a headship position and who have served at least one year of the term of their current performance agreement may apply for the position advertised, subject to having satisfied the pertinent eligibility requirements. The one-year term eligibility criterion does not apply when one is applying for a higher position.

In the case of non-public officers, the eligibility in respect of this position is as follows:

(a) by the closing time and date of this call for applications, applicants must be citizens of Malta;

(b) applicants must have a proven track record of four (4) years experience at senior management level comparable to that of positions classified in Scale 7 or higher in the Public Service;

(ċ) l-applikanti jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux qabel xahar mid-data li tkun ħarġet din is-sejħa għall-applikazzjonijiet u jgħidu jekk qatt kinux impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u jagħtu d-dettalji; **u**

(d) kapaċi jikkomunikaw tajjeb bil-kliem u bil-kitba bl-ilsien Malti kif ukoll bl-Ingliż.

Proċedura tal-Intervista tal-SAAC

Il-kandidati li huma eliġibbli jkunu mitluba jagħmlu psychometric test li jsir fl-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi (IPS). Sussegwentement, jattendu għal extended interview li jservi bħala parti mill-għażla preliminari u wara ssegwi intervista individwali.

Aktar tagħrif dwar l-għażla preliminari, il-proċess tal-intervista tal-SAAC u informazzjoni addizzjonali jinsabu fil-verżjoni aġġornata tan-'Nomination Process for Headship Positions – Notes for Prospective Applicants' fis-sit elettroniku:

(https://intra.gov.mt/en/ManagementResources/documents/nomination process.doc).

Kif tibgħat l-Applikazzjoni

Applikanti prospettivi huma mistiedna japplikaw permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt), sa mhux aktar tard minn **nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Novembru, 2019.**

Kopja tal-linji gwida ta' kif timtela applikazzjoni tista' tinkiseb mill-ħolqa:

(https://intra.gov.mt/en/ManagementResources/PublishingImages/Pages/default/Guidelines%20on%20the%20Public%20Service%20Recruitment%20Portal.pdf).

Dokumentazzjoni meħtieġa mal-Applikazzjoni

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

(a) Curriculum Vitae dettaljat (Europass format) li għandha tinkludi l-iżvilupp professjonali kontinwu. Fil-każ ta' uffiċjali pubbliċi li attwalment qed jokkupaw pożizzjoni ta' Kap, għandhom jissottomettu wkoll il-performance assessments tagħhom tal-aħħar tliet snin;

(c) applicants must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details; **and**

(d) applicants must be proficient and able to communicate effectively both verbally and in writing in the Maltese and English languages.

SAAC Interview Procedure

Eligible applicants will be required to sit for a psychometric test which will be held at the Institute for the Public Services (IPS). Subsequently they will be called for an extended interview which will serve as part of the preliminary shortlisting, followed by an individual interview.

Further details regarding the preliminary shortlisting, the SAAC interview process and additional information may be viewed in the updated version of 'The Nomination Process for Headship Positions – Notes for Prospective Applicants' at the following webpage:

(https://intra.gov.mt/en/ManagementResources/documents/nomination process.doc).

Submission of Applications

Prospective applicants are invited to apply through the Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt) **by not later than noon of Friday, 8th November, 2019.**

Guidelines to assist in the submission of applications online may be viewed at:

(https://intra.gov.mt/en/ManagementResources/PublishingImages/Pages/default/Guidelines%20on%20the%20Public%20Service%20Recruitment%20Portal.pdf)

Complete Application Checklist

Applications must include:

(a) a detailed Curriculum Vitae (Europass format) which will include the continuous professional development record and, in the case of current incumbents, will also include copies of performance assessments of the last three years;

(b) ċertifikazzjoni tal-IPS li jikkonferma twettiq b'suċċess tal-Public Management Toolkit, jew l-istat tal-attendenza kurrenti. Ser tingħata preferenza lil dawk l-uffiċjali li jkunu temmew b'suċċess il-programm kollu. F'każ li uffiċjal jiġi nominat għal kariga u ma jkunx attenda u temm b'suċċess il-programm, ser jiġi msejjaħ biex jagħmel dan fl-ewwel tnax-il xahar mill-ħatra;

(c) dikjarazzjoni ta' motivazzjoni ta' mhux iktar minn 300 kelma fejn l-applikanti jgħidu għaliex iqisu lilhom infushom kwalifikati għal din il-pożizzjoni maniġerjali għolja;

(d) pjan ta' tliet snin għar-rigward tal-pożizzjoni, skont it-template li jinsab fil-linji gwida msemmija hawn fuq; **u**

(e) Service and Leave Record Form aġġornata (fil-każ ta' impjegati tal-Amministrazzjoni Pubblika).

APPLIKAZZJONIJIET LI JASLU TARD JEW LI MA JKOLLHOMX ID-DETTALJI KORRETTI JEW ID-DOKUMENTAZZJONI KOMPLUTA KIF SUPPOST, KIF UKOLL APPLIKAZZJONIJIET LI MHUMIEX ELIĠIBBLI MA JIĠUX MEQJUSIN.

Kandidati prospettivi huma mfakkra li hija r-responsabbiltà tagħhom li jaraw li l-applikazzjoni hija kompluta u d-dettalji kollha huma korretti, kif ukoll li d-dokumentazzjoni mitluba tintbagħat sad-data tal-għeluq ta' din is-sejħa.

Qabel ma persuna tiġi mitluba tattendi l-intervista, hija teħtieġ tagħmel dikjarazzjoni fejn tindika kwalunkwe kunflitt ta' interess li jista' jkollha (eż. interessi kummerċjali, xogħol privat, eċċ.). Min diġà għamel din id-dikjarazzjoni fil-passat, irid jikkonferma li ma hemmx tibdil. Fejn kien hemm xi tibdil, trid isir dikjarazzjoni oħra.

Kopja tal-position description għall-pożizzjoni msemmija tista' tinkiseb mis-sit (https://intra.gov.mt/en/Circulars/Pages/PD-10-2019.aspx) jew billi tintbagħat ittra elettronika lil (managementsupport.opm@gov.mt).

Il-25 ta' Ottubru, 2019

(b) IPS certification confirming successful completion of the Public Management Toolkit or current official status of attendance. Preference will be given to those officers who have successfully completed the Toolkit. Should an officer who has not yet attended the Toolkit, be nominated for a headship position, s/he would be required to attend and successfully complete the Programme within the first twelve months of appointment;

(c) a motivational statement of not more than 300 words wherein applicants explain why they consider themselves to be qualified for top management positions, in which level they consider themselves suitable and the area they would prefer;

(d) a three-year plan in respect of the position, in accordance to the set template in the above-mentioned guidelines; **and**

(e) an updated Service and Leave Record Sheet (in the case of public officers).

INCOMPLETE AND/OR LATE APPLICATIONS OR APPLICATIONS WHICH ARE INELIGIBLE IN TERMS OF THIS CALL WILL NOT BE CONSIDERED.

Applicants are reminded that it is their responsibility to ensure the completeness and correct details of their applications, as well as the submission of all required documentation strictly within the deadline of this call.

Prior to being called for the interview, prospective applicants would be required to fill a declaration indicating any possible or potential conflict of interest (e.g. business interests, private work, etc.). Applicants who have already submitted such a declaration in the past are to confirm in writing that there are no changes and need not resubmit it. In the cases where there has been a change, a new declaration would need to be submitted.

The position description of the above-mentioned position can be viewed at the following webpage (https://intra.gov.mt/en/Circulars/Pages/PD-10-2019.aspx) or a copy obtained by emailing (managementsupport.opm@gov.mt).

25th October, 2019

ID-DIVIŻJONI GĦALL-FONDI U PROGRAMMI,
SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-FONDI EWROPEJ U D-DJALOGU SOĊJALI

Sejħa pubblika għal proposti ta' proġetti li jaqgħu taħt il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd 2014-2020 Miżura I.20, Artikolu 41.1 tar-Regolament (UE) Nru. 508/2014: Investimenti abbord; verifiki u skemi ta' effiċjenza fl-enerġija; u studji

Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd 2014-2020

Il-Programm Operattiv għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (2014-2020) jagħti opportunitajiet ta' finanzjament lill-industrija tas-sajd u l-komunitajiet kostali sabiex jgħinhom jadattaw għal kundizzjonijiet settorjali li dejjem qed jinbidlu, filwaqt li jrawwem reżistenza ekonomika u sostenibbiltà ekoloġika. Il-Fond se jkun qed jipprovdi assistenza bl-għan li jintlaħqu l-miri tal-Politika Komuni tas-Sajd u l-implimentazzjoni tal-Politika Marittima Integrata, hekk kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru. 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Id-Diviżjoni għall-Fondi u Programmi qiegħda tinforma lill-pubbliku li r-raba' sejħa għall-proposti ġiet imnedija fl-24 ta' Ottubru, 2019.

Artiklu 41(1) – Miżura I.20
Effiċjenza enerġetika u mitigazzjoni tad-tibdil fil-klima
Investimenti abbord; verifiki u skemi tal-effiċjenza fl-enerġija; studji

Id-Diviżjoni għall-Fondi u Programmi qiegħda tinforma lill-pubbliku li s-sejħa għall-proposti ta' proġetti għall-Miżura I.20, Artiklu 41.1 – Effiċjenza enerġetika u mitigazzjoni tad-tibdil fil-klima; Investimenti abbord; verifiki u skemi tal-effiċjenza fl-enerġija; studji, ġiet varata l-Ħamis, 24 ta' Ottubru, 2019. L-Awtorità ta' Ġestjoni se tkun qed tadotta 'Proċedura ta' Sejħiet Miftuħa'. Dan ifisser li s-sejħa ser tibqa' miftuħa sakemm l-allokazzjoni tal-baġit taħt din il-miżura tkun utilizzata, jew sakemm l-Awtorità ta' Ġestjoni tinnotifika mod ieħor. L-ewwel applikazzjonijiet illi ser jiġu evalwati huma dawk li ser jiġu sottomessi sa il-ħdax ta' filgħodu tat-Tnejn, 2 ta' Diċembru, 2019 (l-ewwel data ta' skadenza).

Id-dati ta' skadenza l-oħra li japplikaw għal din is-sejħa huma dawn:

Il-Ġimgħa, 10 ta' Jannar, 2020, fil-11.00 a.m.
It-Tnejn, 17 ta' Frar, 2020, fil-11.00 a.m.
Il-Ġimgħa, 20 ta' Marzu, 2020, fil-11.00 a.m.

FUNDS AND PROGRAMMES DIVISION,
PARLIAMENTARY SECRETARIAT
FOR EU FUNDS AND SOCIAL DIALOGUE

Open call for project proposals under the European Maritime and Fisheries Fund (EMFF) 2014-2020 Measure I.20, Article 41.1 of Regulation (EU) No. 508/2014: On board investments; energy efficiency audits and schemes; and studies

European Maritime and Fisheries Fund 2014-2020

The Maritime and Fisheries Operational Programme for Malta (2014-2020) provides funding opportunities to the fishing industry and related coastal communities to help them adapt to ever-changing sectoral conditions whilst fostering their economical resilience and ecological sustainability. The Fund will be of assistance in reaching the objectives of the reformed Common Fisheries Policy and support the implementation of the Integrated Maritime Policy, as delineated in Regulation (EU) No. 508/2014 of the European Parliament and of the Council.

The Funds and Programmes Division is hereby informing the general public that the fourth call for proposals was launched on the 24th October, 2019.

Article 41(1) – Measure I.20
Energy efficiency and mitigation of climate change
On board investments; energy efficiency audits and schemes; studies

The Funds and Programmes Division is hereby informing the general public that the call for project proposals for Measure I.20, Article 41.1 – Energy efficiency and mitigation of climate change; On board investments; energy efficiency audits and schemes; studies, will be open from Thursday, 24th October, 2019. An 'Open Block Calls Procedure' will be adopted by the Managing Authority. This means that the call will remain open until the budgetary allocation under this measure is utilised, or until the Managing Authority notifies otherwise. The first batch of applications to be evaluated will be the ones submitted by noon of Monday, 2nd December 2019 (first cut-off date).

The other cut-off dates applied for this call are as follows:

On Friday, 10th January, 2020, at 11.00 a.m.
On Monday, 17th February, 2020, at 11.00 a.m.
On Friday, 20th March, 2020, at 11.00 a.m.

Is-sejħa marbuta mal-Miżuri msemmija għandha allokazzjoni totali ta' €150,000.00 f'fondi pubbliċi eliġibbli (sehem l-Unjoni Ewropea u Malta). L-Awtorità ta' Ġestjoni tirriserva d-dritt li żżid jew tnaqqas din l-allokazzjoni. L-applikazzjonijiet jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku (www.eufunds.gov.mt)/(www.eufundsmalta.gov.mt).

Mistoqsijiet rigward l-applikazzjonijiet għandhom isiru b'telefonata fuq 2200 1108 jew b'ittra elettronika lil (fpd. meae@gov.mt).

Is-CEO (Procurement u Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi sottomissjonijiet għas-sejħa kompetittiva ERU bir-referenza ERU Ref. Nru. 2410U19 Medicinals, 2410U19 Devices jintlaqgħu sas-1.00 p.m. tat-Tlieta, 29 ta' Ottubru, 2019.

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa kompetittiva jistgħu jintbagħtu BISS b'ittra elettronika lil (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

Il-25 ta' Ottubru, 2019

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Procurement and Supplies), Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti elettroniċi rigward l-avviżi li ġejjin sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, 14 ta' Novembru, 2019. L-offerti għandhom jintbagħtu BISS online fuq (www.etenders.gov.mt) għal:

CFT 020-1029/19. Drug eluting balloon catheters

CFT 001-1030/19. Provvista u konsenja ta' self inking rubber stamps u daters

CFT 020-1031/19. Respiratory pathogens screen kits b'tagħmir b'self

CFT 019-1032/19. Trasportazzjoni ta' paupers u limbs

CFT 020-1033/19. SCOPE-TEC cleaner u disinfettant

ARMED FORCES OF MALTA

The Commander, Armed Forces of Malta, notifies that:

Sealed tenders will be received by the tenders office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, up to 10.00 a.m. of Tuesday, 5th November, 2019, for:

AFM Advt No. 2/19. Sale tale quale and removal of unserviceable vehicles and equipment – Armed Forces of Malta.

Forms of tender and further information may be obtained from the Tenders Office, Armed Forces of Malta, Luqa Barracks, Ħal Luqa, during any working day from 7.00 a.m. till 4.00 p.m. or by sending an email to (tenders.afm@gov.mt).

25th October, 2019

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health notifies that submissions for the ERU competitive call with reference No. 2410U19 Medicinals, 2410U19 Devices will be received up to 1.00 p.m. on Tuesday, 29th October, 2019

Emergency Response Unit (ERU) competitive calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be sent ONLY via email (emergency.procurement-unit.cpsu@gov.mt).

25th October, 2019

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Procurement and Supplies), Ministry for Health, notifies that:

Electronic tenders in respect of the following notices will be received up to 9.30 a.m. on Thursday, 14th November, 2019. Tenders are to be submitted ONLY online on (www.etenders.gov.mt) for:

CFT 020-1029/19. Drug eluting balloon catheters

CFT 001-1030/19. Supply and delivery of self inking rubber stamps and daters

CFT 020-1031/19. Respiratory pathogens screen kits with equipment on loan

CFT 019-1032/19. Transportation of paupers and limbs

CFT 020-1033/19. SCOPE-TEC cleaner and disinfectant

CFT 020-1034/19. Kimiċi għal getinge ed-flow disinfectors

CFT 021-1035/19. Glyceryl Trinitrate 10mg patches

CFT 020-1036/19. Soft tip cannulae

CFT 026-1037/19. Provvista ta' tagħmir mediku ta' oftalmologu varju għar-rinnovar taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira inkluż tagħmir tal-IT effiċjenti fl-użu tal-enerġija

CFT 020-1038/19. Yankauer suckers

CFT 009-1039/19. Provvista ta' finituri tal-għamara

CFT 020-1040/19. Bedpan scourer solution u bed washer cleaner disinfectant solution

CFT 009-1041/19. Telephone wall ports

CFT 009-1042/19. Provvista ta' reclining armchairs, sufani u banketti prodotti bi proċessi u materjali li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent.

Id-dokumenti tal-offerta huma mingħajr ħlas.

Id-dokumenti tal-offerti jinkisbu biss mill-Electronic Public Procurement System (www.etenders.gov.mt). Ir-reġistrazzjoni hija meħtieġa sabiex ikun jista' jintuża s-sit elettroniku. Operaturi ekonomiċi Maltin għandu jkollhom l-eID tal-organizzazzjoni tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit elettroniku. Aktar tagħrif jinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fil-ħinijiet u d-dati msemmija hawn fuq.

Il-25 ta' Ottubru, 2019

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

B'referenza għall-offerta elettronika CFT 002-0999/19. Offerta għall-manifattura, provvista, ħażna, konsenja u installazzjoni ta' għamara u oġġetti anċillari prodotti minn materjali li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent u proċessi għal Sensory Integration Therapy (SIT) Unit fl-Iskola Primarja tal-Marsa għall-Proġett 'Reduction in Social Inequalities in Health and the Burden of Disease' iffinanzjat mill-Fondi tan-Norveġja/EEA 2014-2021, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Ottubru, 2019, id-data tal-għeluq ġiet estiża għall-Ħamis, 21 ta' Settembru, 2019, fl-10.30 a.m.

B'referenza għall-offerta elettronika CFT 026-0959/19. Provvista u installazzjoni ta' għamara u oġġetti anċillari prodotti minn materjali u proċessi li ma jagħmlux ħsara 'l-ambjent fiċ-Ċentru tas-Saħħa tar-Rabat, Għawdex, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-15 ta' Ottubru, 2019, ġiet estiża għall-11 ta' Novembru, 2019, fl-10.30 a.m.

Il-25 ta' Ottubru, 2019

CFT 020-1034/19. Chemicals for getinge ed-flow disinfectors

CFT 021-1035/19. Glyceryl trinitrate 10mg patches

CFT 020-1036/19. Soft tip cannulae

CFT 026-1037/19. Supply of various ophthalmic medical equipment for the refurbishment of Gżira Health Centre including energy efficient IT equipment

CFT 020-1038/19. Yankauer suckers

CFT 009-1039/19. Supply of furniture fittings

CFT 020-1040/19. Bedpan scourer solution and bed washer cleaner disinfectant solution

CFT 009-1041/19. Telephone wall ports

CFT 009-1042/19. Supply of reclining armchairs, sofas and stools produced with environmentally friendly materials and processes.

These tender documents are free of charge.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System (www.etenders. gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the times and dates specified above.

25th October, 2019

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

With reference to the electronic tender CFT 002-0999/19. Manufacturing, supply, storage, delivery and installation of furniture and ancillary items produced with environmentally friendly materials and processes for the Sensory Integration Therapy (SIT) Unit at the Marsa Primary School for the Project 'Reduction in Social Inequalities in Health and the Burden of Disease' financed through the EEA/ Norwegian Funds 2014-2021 published on the Government Gazette of 18th October, 2019, has been extended up till Thursday, 21st November, 2019, at 10.30 a.m.

With reference to the electronic tender CFT 026-0959/19. Supply and installation of furniture and ancillary items produced with environmentally friendly materials and processes for the Victoria Health Centre in Gozo, published on the Government Gazette of 15th October, 2019, has been extended up till 11th November 2019, at 10.30 a.m.

25th October, 2019

KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA

Il-Kunsill Lokali Ħal Lija jgħarraf illi:

Sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Novembru, 2019, permezz tal-ePPS jintlaqgħu offerti għal:

Avviż Nru. LLC 05/2019. Servizzi ta' Manager tal-Kuntratti għall-Kunsill Lokali Ħal Lija.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu mniżżla mill-ePPS (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fis-sit elettroniku u tista' tarahom jew tniżżilhom mill-istess sit.

Il-25 ta' Ottubru, 2019

ĦAL LIJA LOCAL COUNCIL

The Ħal Lija Local Council notifies that:

Tenders will be received through ePPS up till 9.30 a.m. on Monday, 25th November, 2019 for:

Advt No. LLC 05/2019. Services of a Contracts Manager for the Ħal Lija Local Council.

Tender documents are free of charge and may be downloaded from the ePPS (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the quotation document will be available to view and download from this same website.

25th October, 2019

KUNSILL LOKALI ĦAL BALZAN

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan jgħarraf illi:

Offerti għandhom jintlaqgħu permezz tal-ePPS mill-Kunsill Lokali Ħal Balzan sad-9.30 a.m. ta' nhar it-Tnejn, il-25 ta' Novembru, 2019, għal:

Avviż Nru. BLC 01/2019. Servizzi ta' Manager tal-Kuntratti għall-Kunsill Lokali Ħal Balzan.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla ħlas u jiġu miksuba/imniżżla u milqugħa BISS minn fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument jittellgħu fuq is-sit elettronku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-25 ta' Ottubru, 2019

ĦAL BALZAN LOCAL COUNCIL

The Ħal Balzan Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Ħal Balzan Local Council through ePPS up to 9.30 a.m. on Monday, 25th November, 2019 for:

Advt. No. BLC 01/2019. Services of a Contracts Manager for the Ħal Balzan Local Council.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

25th October, 2019

KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Il-Kunsill Lokali Birkirkara jgħarraf illi:

Sejħiet għall-offerti għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali Birkirkara, permezz tal-ePPS, sa nofsinhar tal-Ġimgħa, 8 ta' Novembru, 2019, għal:

Avviż Nru. BLC Q 2-2019. Kiri ta' grounds tal-futbol fi Ġnien John Borg, Birkirkara.

Id-dokumenti tal-offerta huma bla hlas u jigu miksuba, imniżżla u milqugha BISS min fuq is-sit elettroniku (www.etenders.gov.mt).

BIRKIRKARA LOCAL COUNCIL

The Birkirkara Local Council notifies that:

Tenders will be received at the Birkirkara Local Council through ePPS, up to noon on Friday, 8th November, 2019, for:

Advt No. BLC Q 2-2019. Lease of football pitches at John Borg playing field, Birkirkara.

Tender documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-offerta jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

Il-25 ta' Ottubru, 2019

Any clarifications or addenda to the tender document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

25th October, 2019

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1584

ARB/C056/2019 – IFFRIŻAR TAL-ASSI

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-15 ta' Ottubru, 2019, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja – (Maġistrat Dr Donatella Frendo Dimech LLD). Kumpilazzjoni numru 624/2019, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Kevin Pulis)

Kontra

MANUEL OLIVERIO SANCHEZ MEDINA, jaħdem fil-kostruzzjoni, ta' 42 sena, bin il-mejtin Manuel Sanchez Umpierr u Anna Maria Medina Rodriguez, imwieled Las Palmas de Gran Canaria (Las Palmas), Gran Canaria, fl-24 ta' Lulju, 1977, mingħajr ebda indirizz fiss f'Malta u detentur ta' passaport Spanjol bin-numru PAH105227.

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' MANUEL OLIVERIO SANCHEZ MEDINA u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi annwalment l-ammont previst mil-liġi li hu tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) b'dan illi kull entità finanzjarja hija ordnata li b'nota tinforma l-Qorti f'liema kont jew minn liema kont ikunu qed jiġu rċevuti l-istess flejjes jew l-imputat jindika lill-Qorti hu stess minn liema kont ikun qed jipperċepixxi l-flejjes indikati.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf,

ARB/C056/2019 – NEW FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 15th October, 2019, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Donatella Frendo Dimech LLD). Compilation Number 624/2019 in the case:

The Police
(Inspector Kevin Pulis)

Versus

MANUEL OLIVERIO SANCHEZ MEDINA, works in construction, 42 years old, son of the late Manuel Sanchez Umpierr and Anna Maria Medina Rodriguez, born in Las Palmas de Gran Canaria (Las Palmas), Gran Canaria on the 24th July, 1977, without a fixed address in Malta and holder of Spanich passaport bearing number PAH105227.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due to or pertaining or belonging to MANUEL OLIVERIO SANCHEZ MEDINA and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property and this according to Section 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Chapter 101 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount authorised by law which is thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) on an annual basis provided that every financial entity is ordered to present a note by which it informs the Court in which account or from which account these moneys are taken or the accused themselves may indicate to the Court from which account they are perceiving the moneys indicated.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine

sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà immobbli li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 21 ta' Ottubru, 2019

ID-DIRETTUR, UFFIĊĊJU GĦALL-IRKUPRU TAL-ASSI

F'isem ir-Reġistru tal-Qrati ta' Ġuriżdizzjoni Kriminali (Malta)

(multa) not exceeding eleven thousand and six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any immovable property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 21st October, 2019

THE DIRECTOR, ASSET RECOVERY BUREAU

On behalf of the Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta)

1585

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-16 ta' Awwissu, 2019, fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Elmo Insurance Limited vs Mapfre Middlesea plc, Rikors Numru 56/19 (Arbitragġ Numru M 4579/2015), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-appellati Alex Fenech u s-soċjetà Vision Car Leasing Limited, l-imsemmi Alex Fenech bħala reappreżentant ġuridiku tal-istess soċjetà, din il-pubblikazzjoni qed issir a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Appell, Arbitraġġ Numru 4579/2015, Elmo Insurance Limited hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Karl Fenech u l-istess Karl Fenech u b'effett mid-digriet mogħti fil-5 ta' Mejju, 2016, l-isem tar-rikorrent u assigurat 'Karl Fenech' ġie jaqra 'Vision Car Leasing Limited' vs Mapfre Middlesea plc, fl-24 ta' Ġunju, 2019, l-appellanti Mapfre Middlesea plc (C 5553) esponiet umilment:

Preliminari

1.1. Illi permezz ta' lodo arbitrali mogħti mit-Tribunal tal-Arbitraġġ nhar l-10 ta' Ġunju, 2019, l-arbitraġġ fl-ismijiet premessi ġie deċiż bid-decide tal-istess lodo arbitrali jaqra hekk 'filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet imressqa mil-intimat, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, b'dan li tiddikjara li l-inċident awtomobilistiku li seħħ fis-7 ta' Mejju, 2014, fi Triq Fisher, L-Imġarr, Malta, ġara unikament tort ta' assigurat tas-soċjetà rikorrenti, tiddikjara li d-danni sofferti mir-rikorrenti jammontaw għal €563.61 u bl-interessi legali kif mitluba.

1.2. Illi l-esponenti ħasset ruħha aggravata b'dan il-lodo arbitrali.

1.3. Illi fl-ewwel lok is-soċjetà esponenti tirrileva illi l-lodo arbitrali huwa affett minn difett li jsarraf fin-nullità

By means of a decree given by the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction) on the 16th August, 2019, in the records of the Application in the names Elmo Insurance Limited vs Mapfre Middlesea plc, Application Number 56/19 (Arbitration Number M 4579/2015), the following publication was ordered for the purpose of service of the respondents Alex Fenech, and the company Vision Car Leasing Limited, the said Alex Fenech as juridical representative of the same company, this publication is being made in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Court of Appeal, Arbitration Number 4579/2015, Elmo Insurance Limited as subrogated in the rights of its insured Karl Fenech and the same Karl Fenech and with effect from the decree given on the 5th May, 2016, the name of the applicant and the insured 'Karl Fenech' came to read 'Vision Car Leasing Limited' vs Mapfre Middlesea plc, on the 24th June, 2019, the appellants Mapfre Middlesea plc (C 5553) humbly pleaded:

Preliminary

1.1. That by means of an arbitration award given by the Arbitration Tribunal on the 10th June, 2019, the arbitration in the names premised was decided by the decisive part of the same award reading thus 'whilst rejecting the pleas brought by the respondents, upholds the applicant's requests by declaring that the car accident which occurred on the 7th May, 2014, in Triq Fisher, Mġarr, Malta, occurred solely due to the fault of the insured of the applicant company, declare that the damages suffered by the applicant amount to €563.61 and with legal interests as demanded.

1.2. That the interpellant felt aggrieved with this arbitration award.

1.3. That in the first place the interpellant company points out that the arbitration award is affected by a defect

tal-istess lodo in kwantu l-kundanna fil-konfront tas-soċjetà esponenti għall-ħlas tad-danni pretiżi mill-appellanti mhijiex preċeduta minn sejbien ta' responsabbiltà.

… omissis …

2. Fatti fil-Qosor

… omissis …

3. L-Aggravji

3.1. Fl-ewwel lok jiġi rilevat illi fil-lodo li minnu qed isir l-appell odjern it-Tribunal tal-Arbitraġġ ma setax raġonevolment jasal għall-konklużjoni li wasal għaliha u ċjoè li l-inċident seħħ mill-bus indikat waqt li kienet għaddejja minn ħdejn il-vettura tar-rikorrenti laqtitha possibbilment mingħajr ma ndunat u baqgħet sejra.

3.2. Illi sabiex it-Tribunal tal-Arbitraġġ wasal għal din il-konklużjoni sejjes l-investigazzjoni tiegħu prinċiplament fuq l-eżerċizzju dwar jekk 'il-ħsara in kwistjoni effettivament saritx minn xarabank jew le'. B'hekk qies li ladarba kien hemm traċċi ta' lewn ċelesti fuq il-vettura tal-appellata dan huwa indikattiv li l-ħsarat kienu kkawżati minn xarabank.

3.3. Fl-umli fehma tal-esponenti dan l-eżerċizzju jiddipartixxi kompletament mil-binarji tal-azzjoni hekk kif promossa mill-appellati u dan peress li l-azzjoni tagħhom kienet imsejsa fuq vettura partikolari u ċjoè xarabank bin-numru tar-reġistrazzjoni Bus 158 u mhux kwalsjasi xarabank.

… omissis …

3.8. Fit-tieni lok u bla preġudizzju għall-premess jiġi rilevat bir-rispett illi a bażi tal-provi mressqa fil-kors ta' dan l-Arbitraġġ, it-Tribunal tal-Arbitraġġ ma setax raġonevolment jasal għall-konklużjoni li l-ħsara twettqet minn xarabank bin-numru tar-reġistrazzjoni Bus 158. Jekk wieħed jispigola fil-provi ma jsibx li hemm prova fuq bażi ta' probabbiltà li fl-inċident stradali kienet involuta x-xarabank in kwistjoni.

3.9 F'dan ir-rigward jiġi rilevat illi:

3.9.1. Ma tressqet ebda prova li l-ħsara ġiet kaġunata mill-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni Bus 158.

… omissis …

3.9.3 L-unika allegazzjoni li tressqet u li kienet timmerita investigazzjoni kienet dwar l-allegat traċċi ta' lewn ċelesti fuq il-vettura parkeġġata.

which brings about nullity in so far as the condemnation of the interpellant company for the payment of damages prentended by the appellant is not preceded by a declaration of responsiblity.

… omissis …

2. Facts in Brief

… omissis …

3. The Grievances

3.1. In the first place it is pointed out that in the arbitration from which the present appeal is being made the Arbitration Tribunal could not reasonably arrive to the conclusion it reached and namely that the incident occurred from the bus indicated whilst it was passing near the applicant's vehicle and hit it without noticing and continued going.

3.2 That in order that the Arbitration Tribunal reached this conclusion it based its investigation principally on the exercise whether the damage in question was effectively by a charbanc or not . Thus it considered that once there are traces of light blue on the vehicle of the appellants this is indicative that the damages were caused by a charabanc.

3.3. In the humble opinioin of the interpellant this exercise departs completely from the basis of the action as brought foward by the respondents and this because their action was based on a particular vehicle and namely charabanc with registration number Bus 158 and not any charabanc.

… omissis …

3.8 In the second place and without prejudice to the premised it is respectfully pointed out that on the basis of the proof brought in the course of this Arbitration, the Arbitration Tribunal could not reasonably reach the conclusion that the damage was caused by a charabanc with registration number Bus 158. If one delves in the proof one does not find that there is proof on a balance of probability that in the said street incident the charabanc in question was involved.

3.9. In this regard it is pointed out:

3.9.1. No proof was brought forward that the damage was caused by the vehicle with registratiomn number Bus 158.

… omissis …

3.9.3 The only allegation which was brought foward and which merited investigation was as regards the alledged trace of a light blue colour on the parked vehicle.

3.9.4 Fi kwalunkwe każ minn eżami tas-survey report esebit mil-appellata stess ma tidher ebda traċċa ta' lewn ċelesti.

3.9.5. Dana qiegħed jingħad bla preġudizzju għall-argument tal-esponenti li anke jekk wieħed kellu jqis li l-lewn huwa kompatibbli mal-lewn tal-vettutri tal-Arriva (prova din li lanqas tressqet) tibqa' nieqsa l-prova li kienet il-vettura targata bin-numru tar-reġistrazzjoni Bus 158 li kaġun tagħha rriżultat il-ħsara kif jallegaw l-appellati.

3.9.6. Magħdud ma' dan it-Tribunal tal-Arbitraġġ kellu quddiemu l-kontestazzjoni kategorika tax-xufier li dakinhar tal-inċident kellu fil-kontroll tiegħu l-vettura bin-numnru tar-reġistrazzjoni Bus 158. Kelvin Donne nnega li huwa kien involut f'incident bix-xarabank li kien qed isuq.

3.10 Illi ghalhekk il-każ tal-appellati ġie msejjes fuq allegazzjonijiet u assunzjonijiet li ma jreġux u konfrontati bil-provi mressqa mill-esponenti ma jwasslux fil-fehma tal-esponenti sabiex raġonevolment jinstawraw serenità fil-konvinċiment li l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni Bus 158 kienet responsabbli għall-inċident.

Għaldaqstant u għal dawn il-motivi l-esponenti filwaqt li tagħmel referenza għall-provi prodotti quddiem it-Tribunal tal-Arbitraġġ u tirriżerva li tressaq provi ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti tista' tippermetti u titlob bir-rispett ili din l-Onorabbl Qorti jogħġobha li b'akkoljiment tal-aggravji mresqa mill-esponenti f'dan l-appell, tħassar u tirrevoka l-lodo arbitrali mogħti mit-Tribunal tal-Arbitraġġ fl-10 ta' Ġunju, 2019, billi tiċħad it-talbiet tal-appellati u b'hekk tilqa' l-eċċezzjonijiet imressqa mill-esponenti bl-ispejjeż kontra l-istess appellati.

Notifika:

Appellat Alex Fenech, 123, Triq il-Wied, Birkirkara (fil-kwalità fuq indikata)

Vision Car Leasing Limited, 185, Triq Annibale Preca, Ħal Lija

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) (Kompetenza Inferjuri) illum 21 ta' Ottubru, 2019

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3.9.4 In any case from an examination of the survey report exhibited by the respondent herself there does not appear any trace of light blue colour.

3.9.5. This is being stated without prejudice to the interpellant's argument which even if one had to consider that the colour is compatible with the colour of the vehicles of Arriva (a proof which was not brought foward) there remains missing the proof that the vehicle with registration number plate Bus 158 on account of which there resulted the damage as is being alleged by the respondents.

3.9.6. Added to this the Arbitration Tribunal had before it the categorical contestation of the driver who on the day of the incident had the control of the vehicle with registratioon number Bus 158. Kelvi Donne denies that he was involved in an incident with the charabanc he was driving.

3.10 That thus the case of the respondents was based on allegations and assumptions which do not hold and confronted with the proof brought forward by the interpellants do not lead in the interpellant's opinion so that they reasonably bring about the serenity in the convincing that the vehicle with registration Bus 158 was responsible for the incident.

Thus and for these motives the interpellant whilst refering to the proof produced before the Arbitration Tribunal and reserving to bring further proof that this Honourable Court can permit and respectfully prays that this Honourable Court by upholding the grievances brought by the interpellant in this appeal, cancel and revoke the arbitration award given by the ArbitrationTribunal, on the 10th June, 2019, by rejecting the respondent's demands thus uphold the pleas brought forward by the interpellant with costs against the same respondents.

Notify:

Respondent Alex Fenech, 123, Triq il-Wied, Birkirkara (in the capacity above indicated)

Vision Car Leasing Limited, 185, Triq Annibale Preca, Ħal Lija

Registry of the Superior Courts (Appeals) (Inferior Jurisdiction) today 21st October, 2019

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1586

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fit-30 ta' Lulju, 2019, fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet Mifsud Thomas et vs Bugeja Loraine, Mandat Numru 857/19 GM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Loraine Bugeja, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

By means of a decre given by the First Hall Civil Court, on the 30th July, 2019, in the records of the Warrant of Prohibitory Injunction, in the names Mifsud Thomas et vs Bugeja Loraine, Warrant Number 857/19 GM, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Loraine Bugeja, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap.12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-ismijiet (Rikorrent) Thomas Mifsud, Direttur, iben Emanuel u Bastjana née Camilleri, imwieled Tal-Pietà fis-16 ta' Settembru, 1976, u residenti Maria, Triq il-Ħabbież, Ħal Qormi, Malta (KI 473476M), u Ta' Dernis Properties Limited (C 45644), kumpanija reġistrata Malta fil-21 ta' Novembru, 2008, li għandha uffiċċju reġistrat 80, Triq il-Ħabbież, Ħal Qormi, kontra (Intimat) Loraine Bugeja, legalment separata minn Kevin Bugeja, impjegata, bint Joseph Simiana u Carmen née Muscat, imwielda Ħ'Attard fl-10 ta' Diċembru, 1974, u residenti Casa Latina, Triq il-Kbira, Ħal Balzan (KI 28775M), fit-28 ta' Ġunju, 2019, ir-rikorrenti Thomas Mifsud (KI 473476M) u Ta' Dernis Properties Limited (C 45644) esponew bil-qima:

Illi r-rikorrenti sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom jixtiequ jżommu lill-intimata milli:

tipoteka, tbigħ, tneħħi, tittrasferixxi jew bi kwalunkwe mod ieħor tiddisponi u/ jew tagħti xi jeddijiet inter vivos u/jew causa mortis ikunu ta' liema natura jkunu inkluż kirjiet jew konċessjonijiet, b'titolu oneruż jew gratuwitu, il-maisonette mingħajr numru uffiċjali u mingħajr isem però internament immarkata bin-numru 2, li tinsab fi Triq San Ġorġ, kantuniera ma' Triq San Luqa, Iż-Żurrieq u li tinsab fil-groundfloor level sovrapost u sottopost għall-beni ta' terzi kif aħjar deskritta f'dan il-mandat u fil-konvenju datat 3 ta' Diċembru, 2018.

Illi l-ħruġ tal-Mandat qiegħed jintalab in vista tas-segwenti fatti:

1. Illi fit-3 ta' Diċembru, 2018, ir-rikorrenti u l-intimata dehru fuq u ffirmaw konvenju fejn l-intimata obbligat ruħha u wiegħdet li tbigħ u tittrasferixxi lill-istess rikorrenti li min-naħa tagħhom obbligaw ruħhom u wiegħdu li jixtru u jakkwistaw il-maisonette mingħajr numru uffiċjali u mingħajr isem, però internament immarkata bin-numru 2, fi Triq San Ġorġ, kantuniera ma' Triq San Luqa, Iż-Żurrieq, kif aħjar deskritta f'dan il-mandat.

2. Illi l-intimata nonstante debitament interpellata sabiex tersaq u taddivjeni u tiffirma l-att finali ta' bejgħ u trasferiment tal-proprjetà fuq indikata baqgħet inadempjenti u qed tirrifjuta li tersaq għall-att finali.

… omissis …

6. Illi għalhekk fid-dawl tal-fatt li ġew intavolati proċeduri dwar il-proprjetà deskritta jkun ghaqli u anke ġust li dan il-mandat jintlaqa' proviżorjament u eventwalment akkolt sabiex l-istat fattwali u ġuridiku tal-proprjetà msemmija jiġi preservat.

Illi r-rikorrenti se jiġi ppreġudikat jekk l-intimat ma jiġix inibit kif jingħad. Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment

By means of an application filed in the First Hall Civil Court, in the names (Applicant) Thomas Mifsud, Director, son of Emanuel and Bastjana née Camilleri, born in Tal-Pietà on the 16th September,1976, and residing at Maria, Triq il-Ħabbież, Ħal Qormi, Malta (ID 473476M) and Ta' Dernis Properties Limited (C 45644), a company registered in Malta on the 21st November, 2008, which has the registered address 80, Triq il-Ħabbież, Ħal Qormi, against (Respondent) Loraine Bugeja, legally separated from Kevin Bugeja, employee, daughter of Joseph Simiana and Carmen née Muscat, born in Ħ'Attard on the 10th December, 1974, and residing at Casa Latina, Triq il-Kbira, Ħal Balzan (ID 28775M), on the 28th June, 2019, the applicant Thomas Mifsud (ID 473476M) and Ta' Dernis Properties Limited (C 45644) respectfully pleaded:

That the applicants in order to secure their rights wish to hold the respondent from:

hypothecating, selling, alienating, transferring by any other mode or giving any rights inter vivos and/or causa mortis of whatever kind including leases or concessions, by onerous or gratuitous title the maisonette without official number and without name, however internally marked with number 2, which is situated in Triq San Ġorġ, corner with Triq San Luqa, Żurrieq, and situated at groundfoor level overlying and underlying property of third parties as better described in this warrant and the preliminary agreement dated 3rd December, 2018.

That the issuing of this warrant is being asked in view of the following facts:

1. That on the 3rd December, 2018, the applicants and the respondent appeared and signed a preliminary agreement whereby the respondent bound herself and promised to sell and transfer to the same applicants who on their part bound themselves to buy and acquire the maisonette without official number and name, however internally marked with number 2, in Triq San Ġorġ, corner with Triq San Luqa, Żurrieq, as better described in this warrant.

2. That the respondent, notwithstanding being duly called to come forward and adhere to sign the final deed of sale and transfer of the property above indicated, remained in default and is refuting to come forward to the final deed.

… omissis …

6. That thus in the light of the fact that procedures were filed regarding the property described it will be wise and even just that this warrant be provisionally upheld and eventually granted in order that the factual and juridical state of the property mentioned be preserved.

That the applicant humbly prays that this Honourable Court order the issuing of a Warrant of Prohibitory Injunction

jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tordna l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni sabiex iżommha milli tkompli tagħmel il-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.

Iff. Avukat Alicia Camilleri Iff. PL Joeline Pace Ciscaldi

Ikkonfermat quddiemi bil-ġurament wara li qrajtlu l-kontenut u fil-preżenza ta' b'erba' dokumenti.

Mandat ta' Inibizzjoni

Repubblika ta'Malta

Mandat tal-Qorti

Lill-Marixxall tal-Qrati

Billi ġie ppreżentat ir-rikors ta' hawn fuq u jirrikorru l-elementi meħtieġa skont il-liġi għall-ordnijiet infraskritti.

U wara li tagħmel dan u jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Grazio Mercieca LLD, Duttur tal-Liġi.

Ir-Rikors Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet Thomas Mifsud vs Loraine Bugeja, Mandat Numru 857/19 GM, jinsab differit għas-smigħ għall-31 ta' Ottubru, 2019, fid-9.30 a.m.

Rikorrenti:
Thomas Mifsud, Maria, Triq il-Ħabbież, Ħal Qormi
Ta' Dernis Properties Limited, 80, Triq il-Ħabbież, Ħal Qormi

Intimata: Casa Latina, Triq il-Kbira, Ħal Balzan

Eżekuzzjoni: Maisonette 2, Triq San Ġorġ, kantuniera ma' Triq San Luqa, Iż-Żurrieq

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Ottubru, 2019

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

in order that he be witheld from continuing to carry out the acts abovementioned.

Sgd. Advocate Alicia Camilleri Sgd. PL Joeline Pace Ciscaldi

Confirmed before by oath after I read its contents and in the presence of with four documents.

Warrant of Prohibitory Injunction

Republic of Malta

Court Warrant

To the Court Marshall

Whereas the above application was presented and there recur the elements required by law for the undermentioned orders.

And after doing this or if you encounter any difficulty in the execution of this warrant you are to inform this Court forthwith.

Given by the Civil Court First Hall with the witness of Hon. Mr Justice Grazio Mercierca LLD, Doctor of Laws.

The Application Warrant of Prohibitory Injuntion in the names Thomas Mifsud vs Loraine Bugeja, Warrant Number 857/19 GM, has been deferred for hearing to the 31st October, 2019, at 9.30 a.m.

Applicant:
Thomas Mifsud, Maria, Triq il-Ħabbież, Ħal Qormi
Ta' Dernis Properties Limited, 80, Triq il-Ħabbież, Ħal Qormi

Respondent: Casa Latina, Triq il-Kbira, Ħal Balzan

Execution: Maisonette 2, Triq San Ġorġ, corner with Triq San Luqa, Żurrieq

Registry of the Superior Courts, today 23rd October, 2019

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1587

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fil-15 ta' Ottubru, 2019, (JZM) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Formosa Larry Dr noe vs Petkova Todorovabruno Maia, Rikors Numru 905/19 JZM, ġiet ordnata s-segwenti

By means of a decree by the Civil Court First Hall on the 15th October, 2019, (JZM) in the records of the Sworn Application in the names Formosa Larry Dr noe vs Petkova Todorovabruno Maia, Application Number 905/19 JZM, the

pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Maia Petkova Todorovabruno, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Qorti Prim'Awla, fl-ismijiet l-Avukat Dr Larry Formosa (KI 2587G) għan-nom u in rappreżentanza tal-imsiefer Jason Bruno vs Maia Petkova Todorovabruno (KI 0143008L) fit-23 ta' Settembru, 2019, ir-rikorrenti Avukat Dr Larry Formosa (KI 2587G) għan-nom u in rappreżentanza tal-imsiefer Jason Bruno (prokura annessa) talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Fl-ewwel lok tillikwida wara li tistabbilixxi l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn id-defunt Godfrey Bruno u martu l-konvenuta Maia Petkova Todorovabruno billi tiddikjara li jikkonsistu f'dawk il-beni mobbli u immobili reali u personali li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża, taqsam il-komunjoni tal-akkwisti kif likwidat f'żewġ porzjonijiet ugwali u tassenjahom waħda lill-beni partikolari tal-mejjet Godfrey Bruno u l-oħra l-beni partikolari tal-konvenuta Maia Petkova Todorovabruno u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors, tikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attur s-sehem lilu riservat mil-liġi ai termini tal-Artikoli 615, 616,617 u 620 tal-Kodiċi.

B'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lil-atturi u bl-ispejjeż kif mitluba kontra l-konvenuta inġunta in subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Formosa Larry Dr noe vs Petkova Todorovabruno Maia, Rikors Numru 905/19 JZM, jinsab differit għas-smigħ għat-Tnejn, 18 ta' Novembru, 2019, fid-9.00 a.m.

Intimata: 104, Triq Clarence, L-Imsida

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Ottubru, 2019

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a Sworn Application filed in the Civil Court First Hall in the names Advocate Dr Larry Formosa (ID 2587G) in the name and in representation of the absent Jason Bruno vs Maia Petkova Todorovabruno (ID 0143008L) on the 23rd September, 2019, the applicant Advocate Dr Larry Formosa (ID 2587G) in the name and in representation of the absent Jason Bruno (power of attorney attached) asked this Honourable Court:

1. In the first place to liquidate after establishing the community of acquests between the deceased Godfrey Bruno and his wife the defendant Maia Petkova Todorovabruno by declaring that they consist in those movable and immovable assets real and personal which result during the course of the pleadings, divide the community of acquests as liquidated in two equal portions and assign one to the particular estate of Godfrey Bruno and the other to the particular estate of Maia Petkova Todorovabruno and uphold the other demands in the application, and condemn the defendant to pay the plaintiff the share reserved to him by law in terms of Articles 615, 616, 617 and 620 of the Civil Code.

Saving any other action due to the plaintiffs and with costs as demanded against the defendant summoned so that a reference to her evidence be made.

The Sworn Application in the names Formosa Larry Dr Noe vs Petkova Todorovabruno Maia, Application Number 905/19 JZM, has been deferred for hearing to Monday, 18th November, 2019, at 9.00 a.m.

Respondent: 104, Triq Clarence, Msida

Registry of the Superior Courts, today 22nd October, 2019

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1588

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fit-3 ta' Lulju, 2019, RGM, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Debattista John vs Cini Etienne et, Rikors Numru 477/19 RGM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Etienne Cini, Emilio Cini u Mary Doris Cini, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Qorti Ċivili Prim'Awla fl-ismijiet John Debattista (KI 894445M) vs Etienne Cini (KI 204181M) Estelio Cini (KI 345086M)

By means of a decree given by the Civil Court First Hall on the 3rd July, 2019, RGM, in the records of the Sworn Application in the names Debattista John vs Cini Etienne et, Application Number 477/19 RGM, the following publication was ordered for the service in respect to the defendants Etienne Cini, Emilio Cini and Mary Doris Cini, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the Civil Court First Hall in the names John Debattista (ID 894445M) vs Etienne Cini (ID 204181M) Estelio Cini (ID 345086M)

u Mary Doris Cini (KI 372650M) fis-17 ta' Mejju, 2019, ir-rikorrenti John Debattista (KI 894445M) talab lill-intimati jgħidu għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-ftuħ ta' twieqi jew aperturi ġodda ġol-arja tar-residenza tal-konvenuti u ċjoè i) Etienne Cini, 71, Stella Maris, Flat 2, Triq il-Baċir, L-Imsida, Estelio Cini (KI 325086M) 71, Stella Maris, Flat 1,Triq il-Baċir, L-Imsida u Mary Doris Cini (KI 372650M) ta' 71, Stella Maris, Flat 1, Triq il-Baċir, L-Imsida, u kwalsjasi komunikazzjoni ta' ilma u drenaġġ ġdid hija illegali u abbużiva u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors fosthom il-likwidazzjoni tad-danni subiti mir-rikorrenti u l-ħlas tal-istess.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati inġunti in subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Debattista John vs Cini Etienne et, Rikors Numru 477/19 RGM, ġie differit għas-smigħ għas-27 ta' Novembru, 2019, fl-9.45 a.m.

Notifika Intimati:
Etienne Cini, 71, Stella Maris, Flat 2, Triq il-Baċir, L-Imsida
Emilio Cini, 71, Stella Maris, Flat 1, Triq il-Baċir, L-Imsida
Mary Doris Cini, 71, Stella Maris Flat 1, Triq il-Baċir, L-Imsida

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Ottubru, 2019

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

and Mary Doris Cini (ID 372650M) on the 17th May, 2019, the applicant John Debattista (ID 894445M) asked the respondents to state why this Honourable Court should not:

1. Declare that the opening of new windows or apertures on to the airspace of the residence of the defendants and namely i) Etienne Cini, 71, Stella Maris, Flat 2, Triq il-Baċir, Msida, Estelio Cini (ID 325086M) 71, Stella Maris, Flat 1, Triq il-Baċir, Msida, and Mary Doris Cini (ID 372650M) of 71, Stella Maris, Flat 1, Triq il-Baċir, Msida and any new communication of water and drainage is illegal and abusive and uphold the other demands in the application amongst which the liquidation of damages suffered by the applicant and the payment of the same.

With costs against the respondents summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn Application in the names Debattista John vs Cini Etienne et, Application Number 477/19 RGM, has been deferred for hearing to the 27th November, 2019, at 9.45 a.m.

Notify Respondents:
Etienne Cini, 71, Stella Maris, Flat 2, Triq il-Baċir, Msida

Emilio Cini, 71, Stella Maris, Flat 1, Triq il-Baċir, Msida

Mary Doris Cini, 71, Stella Maris, Flat 1, Triq il-Baċir, Msida

Registry of the Superior Courts, today 22nd October, 2019

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1589

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fl-10 ta' Ottubru, 2019, GM, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Caruana Francesca (KI 64889M) vs Cauchi Jonathan (KI 29986M), Rikors Numru 842/19 GM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Jonathan Cauchi, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti, fl-ismijiet Francesca Caruana (KI 64889M) vs Jonathan Cauchi (KI 29986M) fit-3 ta' Settembru, 2019, ir-rikorrenti Francesca Caruana (KI 64889M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li r-rikorrenti u l-konvenut huma komproprjetarji tal-proprjetà ossia l-appartament internament immarkat bin-numru 3 fil-blokka bl-isem 'Ocean Swell Apartments' fi Triq il-Fortizza, Il-Mellieħa,

By means of a decree given by the First Hall Civil Court on the 10th October, 2019, GM, in the records of the Sworn Application in the names Caruana Francesca (ID 64889M) vs Cauchi Jonathan (ID 29986M), Application Number 842/19 GM, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent Jonathan Cauchi (ID 29986M), in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court in the names Francesca Caruana (ID 64889M) vs Jonathan Cauchi (ID 29986M) on the 3rd September, 2019, the applicant Francesca Caruana (ID 64889M), asked this Honourable Court:

1. To declare that the applicant and the defendant are the co-owners of the property or rather apartment internally marked with number 3, in the block with the name 'Ocean Swell Apartments' in Triq il-Fortizza, Mellieħa, declare that

tiddikjara li l-fond indikat mhuwiex komodament diviżibbli bejn il-partijiet u tordna li l-imsemmija proprjetà tinbiegħ jew lir-rikorrenti jew b'liċitazzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Caruana Francesca (KI 64889M) vs Cauchi Jonathan (KI 29986M), Rikors Numru 842/19 GM, jinsab differit għas-smigħ għall-Ħamis, 7 ta' Novembru, 2019, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: 3, Ocean Swell Apts, Triq il-Fortizza, Il-Mellieħa

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 22 ta' Ottubru, 2019

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the premises indicated is not easily divisible between the parties and order that the said property be sold either to the applicant or by licitation.

The Sworn Application in the names Caruana Francesca vs Cauchi Jonathan, Application Number 842/19 GM, has been deferred for hearing to Thursday, 7th November, 2019, at 9.30 a.m.

Notify Respondent: 3, Ocean Swell Apts, Triq il-Fortizza, Mellieħa

Registrar of the Superior Courts, today 22nd October, 2019

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1590

